IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 11.12.2025
COM(2025) 781 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-obbligazzjonijiet kontinġenti li jirriżultaw minn garanziji bażitarji u assistenza finanzjarja u s-sostenibbiltà ta' dawk l-obbligazzjonijiet kontinġenti

Is-Sitwazzjoni fil-31 ta' Diċembru 2024

Werrej:

1. Introduzzjoni 2

2. Analiżi tas-sorsi differenti ta' obbligazzjonijiet kontinġenti 5

2.1 Garanziji baġitarji 5

2.2 Selfiet proviżjonati għal assistenza finanzjarja lil pajjiżi terzi 7

2.3 Self garantit b'marġni ta' manuvra 9

2.4 Ħarsa ġenerali lejn l-obbligazzjonijiet kontinġenti fi tmiem l-2024 12

3. Valutazzjoni tas-sostenibbiltà tal-obbligazzjonijiet kontinġenti tal-UE 13

3.1 Qafas ta' valutazzjoni 14

3.2 Valutazzjoni tas-sostenibbiltà tal-obbligazzjonijiet kontinġenti proviżjonati 14

3.3 Valutazzjoni tas-sostenibbiltà tal-obbligazzjonijiet kontinġenti garantiti b'marġni ta' manuvra 19

4. Konklużjonijiet 23

5. Annessi: 24

Is-sostenibbilità u l-marġni ta' manuvra fir-rigward tal-limitu massimu permanenti tar-riżorsi proprji 24

Is-sostenibbiltà u l-marġni ta' manuvra fir-rigward tal-limitu massimu temporanju tal-NGEU 25

1. Introduzzjoni

Dan ir-rapport huwa maħruġ f'konformità mar-rekwiżiti tal-Artikolu 256 tar-Regolament Finanzjarju[1] u għandu jinqara flimkien ma':

- il-kontijiet konsolidati annwali tal-Unjoni Ewropea (is-sena finanzjarja 2024)[2];
- id-dokument ta' ħidma XI, li jakkumpanja l-abbozz tal-baġit tal-UE għas-sena finanzjarja 2026[3] u li jipprovdi informazzjoni dettaljata dwar il-garanziji baġitarji tal-UE u s-self ta' assistenza finanzjarja proviżjonat (ir-Rapport tal-Artikolu 41(5))[4]; u
- ir-rapport ta' previżjoni fit-tul dwar l-influssi u l-flussi ta' ħruġ futuri tal-baġit tal-UE (2026-2034), li jqis l-infiq baġitarju ppjanat[5].

L-ewwel objettiv ta' dan ir-rapport huwa li jipprovdi ħarsa ġenerali lejn l-ammont u l-kompożizzjoni tal-obbligazzjonijiet kontinġenti – kemm obbligazzjonijiet kontinġenti **proviżjonati**[6] kif ukoll **garantiti b'marġni ta' manuvra**[7] – imġarrba mill-baġit tal-UE mill-31 ta' Diċembru 2024[8]. L-obbligazzjonijiet kontinġenti huma obbligazzjonijiet finanzjarji potenzjali li jirriżultaw minn impenji vinkolanti eżistenti jew minn okkorrenzi kuntrattwali preċedenti[9] . Jekk dawn l-obbligazzjonijiet kontinġenti jirriżultawx jew le f'sejħiet reali fuq il-baġit tal-UE, u d-daqs ta' kwalunkwe sejħa bħal din, se jiddependi fuq avvenimenti futuri li ma jistgħux jiġu mbassra b'ċertezza.

Fi tmiem l-2024, il-baġit tal-UE kien espost għal obbligazzjonijiet kontinġenti li jammontaw għal madwar EUR 300 biljun relatati ma' **self** (EUR 255 biljun fi tmiem l-2023). Minn dawn it-EUR 300 biljun, EUR 252 biljun kienu minn self mogħti lill-Istati Membri. L-EUR 48 biljun li jifdal kienu għal self lil pajjiżi terzi (b'EUR 42,4 biljun mill-EUR 48 biljun magħmula minn self lill-Ukrajna), mit-EUR 42,4 biljun f'self lill-Ukrajna, EUR 31,1 biljun kienu garantiti b'marġni ta' manuvra. Il-baġit tal-UE kien espost ukoll għal obbligazzjonijiet kontinġenti relatati ma' **garanziji baġitarji** li jammontaw għal madwar EUR 110 biljun (EUR 108 biljun fi tmiem l-2023). Dawn il-garanziji baġitarji ġew ipprovduti fil-kuntest tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS)[10], InvestEU[11], il-Mandat ta' Self Estern (ELM, External Lending Mandate)[12], il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp

1 Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni) (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024).

2 COM(2025) 359 tal-25.6.2025

3 COM(2025) 300 tal-4.6.2025.

4 Id-dokument ta' ħidma XI dwar l-implimentazzjoni tal-garanziji baġitarji, il-Fond ta' Proviżjonament Komuni u l-valutazzjoni tas-sostenibbiltà tal-obbligazzjonijiet kontinġenti li jirriżultaw minn garanziji baġitarji u minn assistenza finanzjarja skont l-Artikolu 41(5) tar-Regolament Finanzjarju.

5 COM(2024) 573 final tas-16.7.2025.

6 F'dan id-dokument it-terminu *proviżjonament* jintuża fit-tifsira tar-Regolament Finanzjarju u b'mod partikolari l-Artikolu 214 tiegħu. Kif stabbilit fl-Artikolu 214(2), ir-rata ta' proviżjonament jeħtieġ li tkopri t-telf nett mistenni flimkien ma' buffer ta' sikurezza adegwata għal telf mhux mistenni. F'ċirkostanzi oħra, it-terminu proviżjonament (eż. f'kuntest kontabilistiku) jista' jkollu tifsira differenti.

7 "Garantit b'marġni ta' manuvra" tfisser li l-garanzija għal obbligazzjonijiet kontinġenti relatati tingħata mill-marġni ta' manuvra tal-baġit tal-UE. Fil-prattika, jekk l-obbligazzjonijiet kontinġenti relatati jimmaterjalizzaw, jistgħu jintalbu ammonti addizzjonali potenzjali mill-Istati Membri lil hinn mil-limiti massimi tal-QFP u sal-limitu massimu tar-Riżorsi Proprji sabiex dan jiġi kopert.

8 Din id-data limitu stabbilita tallinja mal-kontijiet konsolidati tal-UE u mal-objettiv tar-rapport li jivvaluta s-sostenibbiltà tal-obbligazzjonijiet kontinġenti mġarrba mħallsa mill-baġit tal-UE. Ma ssir l-ebda previżjoni għall-obbligazzjonijiet kontinġenti li jirriżultaw lil hinn minn din id-data peress li dawn se jiddependu fuq il-ħtiġijiet, il-kundizzjonijiet tas-suq u d-disponibbiltajiet tal-likwidità.

9 Sors separat ta' obbligazzjonijiet kontinġenti huwa rrappreżentat mir-"riskji legali". Dawn ma humiex koperti minn dan ir-rapport.

10 Ir-Regolament (UE) 2015/1017 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2015 dwar il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, iċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti u l-Portal Ewropew ta' Proġetti ta' Investiment u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1291/2013 u (UE) Nru 1316/2013 (ĠU L 169, 1.7.2015, p. 1).

11 Ir-Regolament (UE) 2021/523 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Programm InvestEU u li jemenda r-Regolament (UE) 2015/1017 (ĠU L 107, 26.3.2021, p. 30).

12 Ħarsa ġenerali lejn l-atti leġiżlattivi rilevanti u l-ftehimiet ta' garanzija korrispondenti bejn il-Kummissjoni u l-Bank Ewropew tal-Investiment hija disponibbli fl-Adozzjoni Definittiva (UE, Euratom) 2021/417 tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2021 (Taqsima III – il-Kummissjoni, Kummenti għall-Partita 14 20 03 02 tad-

Sostenibbli (EFSD, European Fund for Sustainable Development)[13], il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli Plus (EFSD+, European Fund for Sustainable Development Plus),[14] u l-Qafas ta' Investiment għall-Ukrajna (UIF, Ukraine Investment Framework), li huwa l-garanzija baġitarja biex jiġi appoġġat l-investiment fl-Ukrajna stabbilit skont ir-Regolament dwar il-Faċilità għall-Ukrajna[15].

L-obbligazzjonijiet kontinġenti totali - li jinkludu kemm garanziji baġitarji kif ukoll self - żdiedu għal EUR 410 biljun fl-2024, żieda minn EUR 363 biljun fl-2023, u dan jirrappreżenta żieda ta' 13 %. Din ir-rata ta' żieda hija ġeneralment konformi mar-rata ta' żieda osservata fl-2023 (+16 %) u aktar baxxa mir-rata ta' żieda osservata fl-2022 (40 %). Il-biċċa l-kbira ta' din iż-żieda ġejja minn żborżi ta' self addizzjonali lill-Istati Membri taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF, Recovery and Resilience Facility)[16] u minn assistenza finanzjarja lill-Ukrajna taħt il-Faċilità għall-Ukrajna.

It-tieni, dan ir-rapport jippreżenta wkoll valutazzjoni tas-sostenibbiltà fit-tul tal-obbligazzjonijiet kontinġenti abbażi ta' fatturi kwalitattivi u kwantitattivi, inkluż l-ittestjar tal-istress. Din il-valutazzjoni tas-sostenibbiltà titwettaq billi jitqabblu l-obbligazzjonijiet kontinġenti ma':

- il-valur tas-suq tal-proviżjonijiet eżistenti miżmuma fil-kompartimenti rispettivi tal-Fond ta' Proviżjonament Komuni (CPF, Common Provisioning Fund)[17] stabbilit mill-Kummissjoni għal **obbligazzjonijiet kontinġenti proviżjonati**, jiġifieri obbligazzjonijiet li jirriżultaw minn garanziji baġitarji u assistenza finanzjarja lil pajjiżi terzi;
- il-limiti tal-limiti massimi tar-riżorsi proprji u l-marġni ta' manuvra disponibbli għal **obbligazzjonijiet kontinġenti garantiti b'marġni ta' manuvra.**

Il-konklużjoni ewlenija tal-analiżi tas-sostenibbiltà ta' tmiem l-2024 hija li l-baġit tal-UE għandu riżorsi biex ilaħħaq mal-materjalizzazzjoni potenzjali tal-obbligazzjonijiet kontinġenti mġarrba mill-31 ta' Diċembru 2024. Hemm tliet raġunijiet ewlenin għal din il-konklużjoni, li huma stabbiliti fil-punti ta' hawn taħt.

- Għal obbligazzjonijiet kontinġenti li jirriżultaw minn garanziji baġitarji u minn assistenza finanzjarja lil pajjiżi terzi, il-proviżjonament disponibbli fi tmiem l-2024 huwa adegwat meta jitqiesu r-rekwiżiti tal-oqfsa legali rispettivi[18].
- Il-kapaċità finanzjarja tal-UE skont il-qafas legali eżistenti għall-2026 u għall-2027 (jiġifieri d-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji (ORD, Own Resources Decision)[19] u r-Regolament tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) tal-2021-2027[20]) u mill-2028 ir-Regolament dwar

dikjarazzjoni tan-nefqa "Garanzija għall-Azzjoni Esterna għall-NDICI, EINS, IPA III u MFA") (ĠU L 93, 17.3.2021, p. 959).

13 Ir-Regolament (UE) 2017/1601 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Settembru 2017 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli (EFSD), il-Garanzija tal-EFSD u l-Fond ta' Garanzija tal-EFSD (ĠU L 249, 27.9.2017, p. 1).

14 L-EFSD+ ġie stabbilit mill-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI, Neighbourhood, Development and International Cooperation Instrument) – ir-Regolament dwar l-Ewropa globali. Ir-Regolament (UE) 2021/947 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali, li jemenda u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE u jħassar ir-Regolament (UE) 2017/1601 u r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009 (ĠU L 209, 14.6.2021, p. 1).

15 Ir-Regolament (UE) 2024/792 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Frar 2024 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Ukrajna.

16 Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17).

17 Għad-dettalji dwar is-CPF ara r-Rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-Fond ta' Proviżjonament Komuni fl-2024 (COM(2025) 400 final tal-6.6.2025) u d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal li jakkumpanjah (SWD(2025) 100 final tas-6.6.2025).

18 Ara t-Taqsima 3 tar-Rapport tal-Artikolu 41(5).

19 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 tal-14 ta' Diċembru 2020 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea u li tħassar id-Deċiżjoni 2014/335/UE, Euratom, (ĠU L 424, 15.12.2020, p. 1).

20 Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (ĠU L 433, I, 22.12.2020, p. 11).

l-ORD u l-QFP 2028-2034 il-ġdid propost[21] hija biżżejjed biex tkopri l-obbligazzjonijiet kontinġenti kollha garantiti b'marġni ta' manuvra li jirriżultaw minn dejn maħruġ skont i) l-RRF, l-Istrument Ewropew għal Appoġġ temporanju biex jittaffew ir-Riskji ta' Qgħad f'Emerġenza (SURE, European Instrument for temporary support to mitigate unemployment risks in an emergency) u self ieħor lill-Istati Membri, ii) l-istrument ta' assistenza makrofinanzjarja+ tal-Ukrajna (AMF+) anke f'ċirkostanzi avversi estremi. Fi kliem ieħor, il-marġni ta' manuvra għandu riżorsi tajbin biex jiżgura r-robustezza tas-sistema finanzjarja tal-UE u l-affidabbiltà kreditizja tiegħu anke f'xenarju negattiv estrem li jikkombina l-impatti negattivi fil-kundizzjonijiet ekonomiċi, id-dħul u n-nefqa[22].

Ir-riskji li jirriżultaw minn obbligazzjonijiet kontinġenti huma ġestiti u mmonitorjati permezz ta' qafas ġenerali trans-Kummissjoni li jinkludi miżuri u salvagwardji estensivi li l-Kummissjoni tista' tuża biex tipproteġi l-baġit tal-UE minn telf potenzjali li jirriżulta minn obbligazzjonijiet kontinġenti[23]. Rwol ċentrali f'dak il-qafas twettaq mill-Kumitat ta' Tmexxija dwar Obbligazzjonijiet Kontinġenti[24]. Dan il-qafas issaħħaħ fil-bidu tal-2025 permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2025/369[25], li espandiet ir-rwol tal-Uffiċjal Kap tar-Riskji (CRO, Chief Risk Officer). Filwaqt li jopera b'mod indipendenti mid-DĠ tal-Kummissjoni responsabbli għall-operazzjonijiet finanzjarji, is-CRO jipprovdi funzjoni kritika u ddedikata ta' sorveljanza tar-riskju finanzjarju fir-rigward tal-operazzjonijiet finanzjarji kollha, jiġifieri:

- it-teħid b'self, id-dejn, u l-ġestjoni tal-likwidità relatata;
- l-operazzjonijiet ta' self u l-garanziji baġitarji;
- l-immaniġġar ta' assi, inkluża l-ġestjoni tal-dispożizzjonijiet tal-Fond ta' Proviżjonament Komuni li jirrappreżentaw ir-riżervi mwarrba biex jiġu ssodisfati t-talbiet dwar il-garanziji baġitarji tal-UE[26].

Kaxxa 1: Il-QFP 2028-2034

L-iskop ta' dan ir-rapport huwa li jivvaluta s-sostenibbiltà tal-obbligazzjonijiet kontinġenti mġarrba mill-baġit tal-UE. Filwaqt li l-garanziji baġitarji u s-self proviżjonati huma ttestjati skont il-valur tas-suq tad-dispożizzjonijiet miżmuma fis-CPF, l-obbligazzjonijiet kontinġenti garantiti b'marġni ta' manuvra mġarrba mill-baġit tal-UE huma vvalutati b'ħarsa 'l quddiem parzjalment billi jħarsu lejn l-evoluzzjoni pproġettata tal-pagamenti tal-QFP u l-limitu massimu tar-riżorsi proprji. Għas-snin 2028-2034, il-valutazzjoni għalhekk tinkludi l-limitu massimu tar-riżorsi proprji propost għal 1,75 % tal-introjtu nazzjonali gross (ING) tal-UE u l-infiq ipproġettat relatat mal-proposta għall-QFP 2028-2034, kif stabbilit fir-rapport ta' tbassir fit-tul tal-flussi ta' dħul u ta' ħruġ futuri tal-baġit tal-UE (COM(2025)573). Il-projezzjoni tal-marġni ta' manuvra li tirriżulta tikkostitwixxi x-xenarju bażi li fuqha jiġu evalwati l-obbligazzjonijiet kontinġenti mġarrba mill-baġit fi tmiem l-2024.

21 Il-Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2028 sal-2034 (COM(2025)571 final); Il-Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea u li tħassar id-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2020/2053 (COM(2025)574 final).

22 Jekk ma jkun hemm l-ebda ftehim dwar il-proposti leġiżlattivi għall-2028-2034, il-limitu massimu kurrenti tar-riżorsi proprji ta' 1,4 % tal-introjtu nazzjonali gross (ING) tal-UE se jkompli japplika u f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 312(4) tat-TFUE, il-"limiti massimi u dispożizzjonijiet oħra li jikkorrispondu għall-aħħar sena ta' dak il-qafas għandhom jiġu estiżi". F'xenarju bħal dan, is-sostenibbiltà tal-marġni ta' manuvra taħt il-limitu massimu tar-riżorsi proprji permanenti se tiġi żgurata għalkemm b'kapaċità ta' nefqa tal-politika iżgħar minn dik proposta u milli fil-QFP kurrenti, filwaqt li jitqies il-ħlas lura tan-Next Generation EU (NGEU).

23 Ara l-paragrafi 3.2 u 4.2 tar-rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar strumenti finanzjarji, garanziji baġitarji, assistenza finanzjarja u obbligazzjonijiet kontinġenti – is-sitwazzjoni fil-31 ta' Diċembru 2020 (COM(2021) 676 final tal-5.11.2021).

24 Fl-2024, il-Kumitat ta' Tmexxija dwar l-Obbligazzjonijiet Kontinġenti (SCCL, Steering Committee on Contingent Liabilities) iltaqa' ħames darbiet.

25 Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2025/369 tal-21 ta' Frar 2025 li tistabbilixxi r-rwol tal-Uffiċjal Kap tar-Riskji li jissorvelja r-riskji finanzjarji li jirriżultaw mill-operazzjonijiet finanzjarji tal-Unjoni (ĠU L, 2025/369, 25.2.2025).

26 Rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-fond ta' proviżjonament komuni fl-2024 https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52025DC0400

Il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta tagħha għall-QFP li jmiss fis-16 ta' Lulju 2025. Il-proposta tinkludi użu akbar ta' strumenti finanzjarji, garanziji baġitarji u self garantiti bil-baġit tal-UE biex: i) jiżdied l-ingranaġġ; ii) il-baġit tal-UE jitħalla jkollu rwol aktar b'saħħtu fit-tneħħija tar-riskju tal-investiment privat; u iii) jiġi sfruttat il-finanzjament mill-investituri istituzzjonali.

Min-naħa tal-garanziji baġitarji u tal-istrumenti finanzjarji, il-proposta tinkludi garanzija baġitarja waħda tal-UE għall-politiki interni, prevista fl-att bażiku għall-Fond Ewropew għall-Kompetittività (ECF, European Competitiveness Fund) u waħda għall-politiki esterni (b'sottolimitu għall-Ukrajna), stabbilita fl-att bażiku għall-Ewropa globali (GE, Global Europe). Programmi oħra fil-politiki interni u esterni jistgħu jużaw ukoll il-garanziji previsti fl-ECF u fil-GE.

L-ECF u l-GE ngħataw ammont massimu ta' garanzija baġitarja ta' EUR 70 biljun u EUR 143 biljun rispettivament (dawn tal-aħħar jinkludu EUR 48 biljun għal garanziji baġitarji għall-Ukrajna ffinanzjati permezz tar-riżerva għall-Ukrajna). Il-programmi differenti jistgħu gradwalment jużaw il-kapaċità kollha. L-ammont massimu tal-GE se jkopri wkoll self lil pajjiżi terzi (eż. assistenza makrofinanzjarja, self ibbażat fuq il-politika u Euratom).

Il-proposta tal-baġit fit-tul tal-Kummissjoni tinkludi wkoll l-użu ulterjuri ta' self lill-Istati Membri u lill-Ukrajna garantit bil-marġni ta' manuvra tal-baġit tal-UE.

Fil-każ tal-Ukrajna, ir-Riżerva proposta għall-Ukrajna ta' EUR 100 biljun se tiġi implimentata fil-forma ta' self u għotjiet, bis-self għandu jiġi ffinanzjat b'teħid b'self u garantit bil-marġini ta' manuvra bħal fil-każ ta', pereżempju, il-Faċilità għall-Ukrajna. Il-qasma reali bejn is-self u l-għotjiet se tiġi deċiża skont il-ħtiġijiet.

Il-Kummissjoni tipproponi wkoll l-użu akbar ta' self lill-Istati Membri, bħala parti mill-programm "Catalyst Europe" tal-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali. Catalyst Europe tipprovdi sa EUR 150 biljun f'self iffinanzjat minn teħid b'self u garantit bil-marġni ta' manuvra biex jiġu appoġġati r-riformi u l-investimenti.

Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni pproponiet ukoll mekkaniżmu straordinarju u temporanju ġdid biex tirrispondi għall-konsegwenzi ta' kriżijiet severi, tbatija severa jew theddid serju ta' tbatija li jaffettwaw lill-UE jew lill-Istati Membri tagħha. Din l-għodda se tipprovdi self lill-Istati Membri garantit b'teħid b'self tal-UE biss għall-perjodu tal-baġit fit-tul li jmiss jekk isseħħ kriżi serja u fuq deċiżjoni tal-Kunsill, wara li jinkiseb il-kunsens tal-Parlament Ewropew. It-teħid b'self ikun garantit minn kompartiment speċifiku, addizzjonali taħt il-limitu massimu tar-riżorsi proprji ugwali għal 0,25 % tal-ING tal-UE li se jkollu l-iskop uniku li jappoġġa dan is-self, jekk il-mekkaniżmu jiġi attivat.

Is-sostenibbiltà tal-obbligazzjonijiet kontinġenti futuri relatati mal-implimentazzjoni kemm tal-istrumenti l-ġodda proposti taħt il-QFP li jmiss, kif ukoll ta' strumenti oħra adottati jew implimentati fl-2025 (jiġifieri l-Mekkaniżmu ta' Kooperazzjoni ta' self għall-Ukrajna u l-Azzjoni għas-Sigurtà għas-self tal-Ewropa) jiddependu fuq l-użu proprju tal-appoġġ għal self u se jiġu vvalutati f'edizzjonijiet futuri. Is-sostenibbiltà tal-mekkaniżmu straordinarju biex iwieġeb għal kriżijiet severi se tiġi vvalutata biss jekk u meta l-assistenza finanzjarja proprja tiġi pprovduta taħt dan il-limitu massimu.

2. Analiżi tas-sorsi differenti ta' obbligazzjonijiet kontinġenti

2.1 Garanziji baġitarji

Dawn huma garanziji pprovduti lil sħab ta' implimentazzjoni differenti taħt il-mandati għall-ELM, għall-FEIS, għall-EFSD, għal InvestEU, għall-EFSD+ u għall-UIF[27]. Taħt dawn l-istrumenti kollha, l-

27 Ir-Regolament (UE) 2024/792 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Frar 2024 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Ukrajna https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2024/792/oj/mlt

UE tipprovdi garanziji lis-sħab ta' implimentazzjoni[28] biex ikopru sehem mit-telf u kostijiet[29] potenzjali li jirriżulta mill-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment tagħhom (jiġifieri operazzjonijiet ta' dejn jew ekwità).

Is-sitt programmi ta' garanzija għandhom enfasi ġeografika differenti li tinfluwenza r-riskji li jġorru. L-FEIS u InvestEU jgħinu biex jingħelbu d-diskrepanzi fl-investiment fl-Unjoni Ewropea. L-ELM, l-EFSD u l-EFSD+ jifformaw parti mill-politiki esterni tal-Unjoni Ewropea u jappoġġaw il-finanzjament u l-investiment f'pajjiżi terzi (bl-ELM u bit-Tieqa ta' Investiment 1 tal-EFSD jiffokaw prinċipalment fuq il-kontropartijiet sovrani, filwaqt li l-EFSD u l-EFSD+, fil-qafas tal-Arkitettura Miftuħa u tat-Tieqa ta' Investiment 4, jimmiraw prinċipalment operazzjonijiet privati). Il-UIF għandu l-għan li jappoġġa l-investimenti ta' rkupru u ta' rikostruzzjoni fl-Ukrajna mwettqa mill-awtoritajiet Ukreni, mill-kumpaniji tas-settur privat, mill-muniċipalitajiet, mill-intrapriżi tal-Istat jew minn atturi oħra.

Tabella 1: Is-sitwazzjoni attwali tal-garanziji baġitarji (fil-31 ta' Diċembru 2024) (f'miljuni ta' EUR)(*)

	Garanzija massima disponibbli ffirmata mas-sħab ta' implimentazzjoni	Garanzija disponibbli relatata mal-operazzjonijiet iffirmati mis-sħab ta' implimentazzjoni mar-riċevituri finali	Garanzija disponibbli relatata ma' operazzjonijiet iffirmati mis-sħab ta' implimentazzjoni u żborżati lir-riċevituri finali
FEIS	25 373	22 998	21 033
EFSD	759	667	521
ELM	25 772	25 772	19 184
InvestEU	27 042	11 769	3 468
UIF	790	172	132
EFSD+	30 173	11 228	1 341
Total	**109 909**	**72 606**	**45 678**

(*) Il-garanzija ffirmata mal-kontropartijiet tirrappreżenta l-ammont tal-garanzija mogħtija lis-sieħeb ta' implimentazzjoni permezz tal-iffirmar tal-ftehim ta' garanzija. Il-garanzija relatata ma' operazzjonijiet iffirmati mill-kontropartijiet tinkludi ammonti tal-garanzija fl-operazzjonijiet kollha ffirmati mill-kontropartijiet mar-riċevituri finali/l-intermedjarji finanzjarji. Il-garanzija relatata mal-operazzjonijiet iffirmati u żborżati tinkludi l-ammonti ta' operazzjonijiet żborżati mill-kontroparti lir-riċevitur finali/lill-intermedjarji finanzjarji.

a) Garanziji baġitarji għall-appoġġ tal-investiment barra mill-UE

L-**ELM** huwa l-aktar garanzija baġitarja antika tal-UE. Dan jippermetti lill-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) iwettaq operazzjonijiet ta' finanzjament f'ambjenti aktar riskjużi barra mill-UE f'oqsma bħall-iżvilupp ta' infrastruttura soċjoekonomika.

Fl-2017, ġiet stabbilita l-garanzija tal-**EFSD** biex tappoġġa l-investimenti u ttejjeb l-aċċess għall-finanzi - primarjament fl-Afrika u fil-pajjiżi tal-viċinat li jmissu mal-UE- u tgħin lil dawk il-pajjiżi jissodisfaw l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU.

28 Fl-2024, l-UE pprovdiet appoġġ baġitarju fil-forma ta' garanziji lill-Grupp tal-BEI u lil istituzzjonijiet finanzjarji oħra (inkluż il-BERŻ u l-Banek Promozzjonali Nazzjonali) taħt il-programmi ta' garanzija eżistenti differenti.

29 F'xi każijiet, il-garanzija tista' tkopri wkoll oġġetti addizzjonali bħal kostijiet ta' finanzjament u tariffi oħra.

Filwaqt li jibni fuq l-esperjenza kemm tal-ELM kif ukoll tal-EFSD, l-**EFSD+** ġie stabbilit għall-perjodu tal-QFP 2021–2027 bħala pakkett finanzjarju integrat li jipprovdi kapaċità ta' finanzjament lill-Afrika sub-Saħarjana, lill-Asja, lir-reġjun tal-Paċifiku, lill-Amerka Latina, lill-Karibew u lill-pajjiżi tal-viċinat u tat-tkabbir. L-appoġġ taħt l-EFSD+ huwa dirett lejn investiment li jikkontribwixxi għal: (i) it-tnaqqis tal-inugwaljanzi soċjoekonomiċi; (ii) it-tkabbir sostenibbli u inklużiv; (iii) l-adattament u l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima; (iv) il-protezzjoni u l-ġestjoni ambjentali; u (v) il-ħolqien tal-impjiegi.

L-**UIF** huwa mfassal biex jipprovdi finanzjament għall-prijoritajiet identifikati fil-Pjan għall-Ukrajna[30]. L-UIF huwa parti mir-Regolament dwar il-Faċilità għall-Ukrajna (UFR), li l-objettiv tiegħu huwa li: i) jattira investimenti pubbliċi u privati għall-irkupru u għar-rikostruzzjoni tal-Ukrajna; u ii) jappoġġa t-triq tal-Ukrajna lejn l-adeżjoni mal-UE[31].

b) Garanziji baġitarji għall-appoġġ tal-investiment fl-UE

Fl-2015, il-**FEIS** tnieda biex jirrimedja l-problema ta' investiment privat imrażżan fit-tul fl-UE wara l-kriżi finanzjarja. Dan jieħu l-forma ta' garanzija massima baġitarja ta' EUR 26 biljun mill-baġit tal-UE lill-Grupp tal-BEI, li hija ssupplimentata b'allokazzjoni mir-riżorsi proprji tal-BEI ta' EUR 7,5 biljun.

Imnedija skont il-QFP 2021-2027, il-programm **InvestEU** għandu l-għan li jiżgura spinta addizzjonali għall-investimenti li jrawmu l-irkupru ekonomiku, ir-reżiljenza, it-tkabbir ekoloġiku u l-impjiegi fl-UE matul il-perjodu 2021-2027. Huwa jfittex li jilħaq dan il-għan billi jimmobilizza sorsi ta' finanzjament pubbliċi u privati, jipprovdi finanzjament u appoġġ fit-tul lill-kumpaniji u lill-proġetti f'konformità mal-prijoritajiet tal-UE fil-kuntest ekonomiku u soċjali diffiċli kurrenti.

c) Analiżi komparattiva tal-garanziji baġitarji

Is-sitt programmi ta' garanzija baġitarja jvarjaw fir-rigward ta' diversi karatteristiċi, inkluż l-istadji differenti ta' implimentazzjoni tagħhom. Filwaqt li l-ELM (stabbilit fl-1977) għandu rekord twil, il-perjodi ta' kostituzzjoni tal-FEIS u tal-EFSD intemmu biss fl-2022 u fl-2024 rispettivament. Fl-istess ħin, il-fażi ta' investiment ta' InvestEU, tal-EFSD+ u tal-UIF bdiet aktar reċentement. Dawn l-istadji differenti ta' implimentazzjoni għas-sitt programmi ta' garanzija baġitarja huma riflessi fit-tabella ta' hawn fuq. Għall-ELM u għall-FEIS, iċ-ċifri juru li kważi l-ammont massimu tal-garanziji twieġħed lis-sħab ta' implimentazzjoni u dawn tal-aħħar impenjaw ruħhom li jappoġġaw operazzjonijiet sa dawn l-ammonti sħaħ. B'kuntrast għal dan, garanziji baġitarji aktar ġodda bħall-EFSD+, InvestEU u l-UIF, jinsabu fi stadju ħafna aktar bikri fl-irrankar tagħhom.

Il-garanziji baġitarji l-ġodda bħal InvestEU, l-EFSD+ u l-UIF bnew fuq l-esperjenza ta' garanziji aktar antiki u għandhom karatteristiċi simili. Madankollu, InvestEU, l-EFSD+ u l-UIF kollha għandhom aktar sħab ta' implimentazzjoni ("arkitettura miftuħa") u varjetà usa' ta' prodotti.

2.2 Selfiet proviżjonati għal assistenza finanzjarja lil pajjiżi terzi

L-obbligazzjonijiet kontinġenti taħt din l-intestatura jirriżultaw minn assistenza finanzjarja pprovduta fil-forma ta' self tal-**programm ta' Assistenza Makrofinanzjarja** (AMF)[32] u self tal-**Euratom** lil pajjiżi terzi[33]. Is-self mogħti lill-Ukrajna skont il-programm AMF+ u l-Faċilità għall-

30 https://enlargement.ec.europa.eu/proposal-council-implementing-decision-approval-assessment-ukraine-plan_en

31 https://enlargement.ec.europa.eu/news/commission-endorses-ukraine-plan-paving-way-regular-payments-under-ukraine-facility-2024-04-15_en

32 Il-bażi legali għall-AMF għal pajjiżi terzi u għal dawk li ma humiex pajjiżi li qed jiżviluppaw hija l-Artikolu 212 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). L-Artikolu 213 tat-TFUE jista' jintuża bħala bażi legali meta pajjiż terz jirrikjedi assistenza finanzjarja urġenti.

33 Il-faċilità ta' self tal-Euratom tgħin kemm lill-Istati Membri kif ukoll lil pajjiżi terzi jiffinanzjaw investimenti f'impjanti tal-enerġija nukleari u f'faċilitajiet industrijali fiċ-ċiklu tal-fjuwil nukleari. Ara d-Deċiżjoni tal-Kunsill 77/270/Euratom

Ukrajna, li jammonta għal EUR 31,1 biljun fi tmiem l-2024, huwa garantit bil-marġni ta' manuvra u se jiġi diskuss fit-Taqsima 2.3.

L-appoġġ finanzjarju lil pajjiżi terzi fil-forma ta' self bilaterali mill-UE ngħata prinċipalment taħt il-programm tal-AMF, li huwa mmirat lejn pajjiżi terzi li qed jesperjenzaw kriżi tal-bilanċ tal-pagamenti. Fl-2024, ġie żborżat self ġdid tal-AMF li jammonta għal EUR 1,15 biljun[34].

Fil-Qafas ta' Investiment għall-Balkani tal-Punent (WBIF, Western Balkans Investment Framework), fl-2024 ġew stabbiliti arranġamenti biex jiġi pprovdut self sa EUR 4 biljun lil sitt pajjiżi kandidati tat-tkabbir bl-iżborż tal-ewwel pagamenti parzjali se jibda fl-2025. Ġiet stabbilita wkoll faċilità ta' self separata għall-Moldova (EUR 1,5 biljun) – l-iżborż ġie stabbilit ukoll biex jibda fl-2025. Minbarra s-self tal-AMF lil sovrani ta' pajjiżi terzi, EUR 300 miljun f'self tal-Euratom, li ġew ipprovduti lill-programm tal-enerġija nukleari tal-Ukrajna għadhom pendenti fil-31 ta' Diċembru 2024.

Tabella 2: Ammonti pendenti fir-rigward ta' self lil pajjiżi terzi (fil-31 ta' Diċembru 2024) (EUR miljun)

	Self pendenti	Imgħax dovut	Total
AMF(*)	15 738	118	**15 856**
Euratom	300	1	**301**
Total	**16 038**	**119**	**16 157**

(*) Minbarra s-self tal-AMF+ tal-Ukrajna u s-self tal-Faċilità għall-Ukrajna (garantit bil-marġni ta' manuvra).

Tradizzjonalment, is-self lil pajjiżi terzi ġie ffinanzjat permezz ta' operazzjonijiet ta' teħid b'self, back-to-back, jiġifieri kull self jiġi ffinanzjat b'bond korrispondenti tal-UE li jaqbel kompletament mas-self tal-UE f'termini tal-maturità, ir-rata tal-imgħax u l-iskeda ta' ħlas lura tiegħu. Minn Jannar 2023, ġie stabbilit approċċ ta' differenza - l-approċċ ta' finanzjament unifikat - bħala l-metodu ġenerali ta' teħid b'self għall-bonds tal-UE[35]. Skont l-approċċ ta' finanzjament unifikat, il-Kummissjoni tiġbor ir-rikavati kollha mill-ħruġ f'riżerva ta' finanzjament ċentralizzata u mbagħad tallokahom internament lill-programmi ta' politika differenti. L-investituri f'bonds tal-UE huma esposti biss għar-riskju ta' kreditu baxx tal-UE u mhux għar-riskju ta' kreditu tal-pajjiż benefiċjarju aħħari. L-obbligazzjoni għall-UE hija kontinġenti, minħabba li l-pajjiż benefiċjarju huwa obbligat kuntrattwalment jipprovdi l-fluss tad-dħul biex iħallas lura l-bonds tal-UE. Sakemm il-benefiċjarju tas-self ma jkunx inadempjenti, ma jkun meħtieġ l-ebda fluss ta' ħruġ ta' riżorsi tal-UE biex jitħallas id-dejn tal-UE.

Bħala kontinġenza kontra l-eventwalità li l-pajjiż benefiċjarju ma jħallasx lura l-imgħax jew il-kapital fuq is-self riċevut, il-baġit tal-UE jwarrab proviżjonijiet għal dan is-self. Tradizzjonalment u f'konformità mal-leġiżlazzjoni eżistenti, 9 % tal-valur tas-self jinżamm bħala proviżjonijiet għal self tal-AMF jew tal-Euratom lil pajjiżi terzi f'kompartimenti ddedikati fis-CPF. Il-livelli ta' proviżjonament kontra dan is-self huma diskussi ulterjorment fit-Taqsima 3.2.

L-ammonti ta' ħlas lura rrapportati fit-Tabella 3 għandhom għalhekk jitqiesu bħala l-ammonti massimi prevedibbli li jistgħu jiġu eżerċitati kontra l-proviżjonijiet fis-snin 2025-2030.

tad-29 ta' Marzu 1977 li tagħti l-jedd lill-Kummissjoni li toħroġ self tal-Euratom sabiex tikkontribwixxi għall-finanzjament ta' power stations nukleari (ĠU L 88, 6.4.1977, p. 9) kif emendata u ssupplimentata.

34 Dawn jinkludu EUR 1 biljun lill-Eġittu, EUR 95 miljun lill-Moldova u EUR 50 miljun lill-Maċedonja ta' fuq. Għal aktar dettalji, inkluż l-ammont pendenti għal kull benefiċjarju individwali, ara r-rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-assistenza makrofinanzjarja lil pajjiżi terzi fl-2024 COM(2025) 330 final tat-23.6.2025 u l-SWD (2025) 166 final tat-23.6.2025 li jakkumpanjah.

35 Ir-Regolament (UE, Euratom) 2022/2434 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Diċembru 2022 li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 fir-rigward tal-istabbiliment ta' strateġija ta' finanzjament diversifikata bħala metodu ġenerali ta' teħid b'self.

Tabella 3: Skeda ta' ħlas lura annwali ta' self proviżjonat pendenti lil pajjiżi terzi (kapital + imgħax) taħt il-programmi eżistenti għas-snin 2025-2030 (fil-31 ta' Diċembru 2024) (miljuni ta' EUR)

Sena	Euratom	AMF	Il-programmi kollha
2025	1	162	**163**
2026	1	410	**411**
2027	51	442	**493**
2028	51	441	**492**
2029	0	1 185	**1 185**
2030	100	308	**408**
Total	**204**	**2 948**	**3 152**

2.3 Self garantit b'marġni ta' manuvra

L-obbligazzjonijiet kontinġenti taħt din l-intestatura jirriżultaw minn **self lill-Istati Membri** (jiġifieri self taħt il-Faċilità tal-Bilanċ tal-Pagamenti (BoP)[36], self tal-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbilizzazzjoni Finanzjarja (EFSM)[37], self tal-Faċilità tal-Euratom taħt SURE[38] u self taħt l-RRF li huma pprovduti biex jappoġġaw l-investimenti u r-riformi). Barra minn hekk, is-**self lill-Ukrajna** mogħti fl-2023 u fl-2024 (EUR 18-il biljun f'self tal-AMF+ lill-Ukrajna u EUR 13,1 biljun f'self mogħti taħt il-Faċilità għall-Ukrajna) huwa garantit ukoll bil-marġni ta' manuvra baġitarju taħt il-limitu massimu tar-riżorsi proprji.

L-obbligazzjonijiet kontinġenti li jirriżultaw minn self lill-Istati Membri u minn self reċenti lill-Ukrajna ma humiex ipproviżjonati *ex ante*. Minflok, dawn huma appoġġati bil-possibbiltà li jintalbu "riżorsi proprji" addizzjonali mill-Istati Membri skont il-qafas baġitarju tal-UE (sal-limiti tal-limitu massimu tar-riżorsi proprji, jiġifieri l-użu tal-"marġni ta' manuvra" tal-baġit).

Dan ifisser li, jekk benefiċjarju ma onorax l-obbligi tiegħu lejn l-UE, l-UE tkun intitolata – bħala l-aħħar alternattiva u biss wara li tkun eżawriet il-possibbiltajiet l-oħra kollha biex issib soluzzjonijiet fi ħdan il-qafas finanzjarju pluriennali – li titlob lill-Istati Membri jkopru l-ammont inkwistjoni. Tali sejħiet għal fondi jsiru lil hinn mil-limiti massimi tal-QFP, iżda f'konformità sħiħa mal-limiti massimi tar-riżorsi proprji.

Self aktar reċenti (self tal-RRF u self taħt l-Istrument tal-AMF+ tal-Ukrajna u l-Faċilità għall-Ukrajna) huma ffinanzjati permezz tal-approċċ ta' finanzjament unifikat, fejn is-self lill-benefiċjarji jingħata b'perjodi twal, tipikament perjodu estiż fejn il-kapital ma jitħallasx lura segwit minn perjodu twil b'riamortizzazzjoni tal-kapital annwali żgħira[39].

36 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 332/2002 tat-18 ta' Frar 2002 li jistabbilixxi faċilità li tipprovdi għajnuna finanzjarja għal żmien medju għall-bilanċi ta' pagamenti tal-Istati Membri (ĠU L 53, 23.2.2002, p. 1).

37 Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 407/2010 tal-11 ta' Mejju 2010 li jistabbilixxi mekkaniżmu Ewropew ta' stabbilizzazzjoni finanzjarja (ĠU L 118, 12.5.2010, p. 1). Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1360 tal-4 ta' Awwissu 2015 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 407/2010 li jistabbilixxi mekkaniżmu Ewropew ta' stabbilizzazzjoni finanzjarja (ĠU L 210, 7.8.2015, p. 1).

38 Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/672 tad-19 ta' Mejju 2020 dwar l-istabbiliment ta' Strument Ewropew għal appoġġ temporanju biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad f'emerġenza (SURE) wara t-tifqigħa tal-COVID-19 (ĠU L 159, 20.5.2020, p. 1).

39 Fi tmiem l-2022, l-istrateġija ta' finanzjament diversifikata ġiet stabbilita bħala l-metodu tax-xenarju bażi għall-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet ta' teħid b'self kollha inkluż l-AMFs. Dan jagħmilha possibbli li r-rabta ta' żborż speċifiku ta' self lil Stat Membru jew lil pajjiż terz titneħħa kompletament mill-ħruġ ta' bonds speċifiċi tal-UE. Skont l-NGEU, il-Kummissjoni tissellef ukoll fis-swieq biex tiffinanzja appoġġ mhux ripagabbli (inkluż l-għotjiet tal-RRF). Il-

Fl-2024, il-Kummissjoni, li taġixxi f'isem l-UE, operat erba' programmi ewlenin li taħthom tat self lill-Istati Membri. L-ebda self ġdid ma ġie żborżat taħt l-ewwel tliet programmi fl-2024. Id-dettalji ta' dawn l-erba' programmi huma stabbiliti fil-punti li ġejjin.

- Il-**Faċilità tal-BoP** inħolqot fl-2002 biex tgħin lill-pajjiżi tal-UE barra miż-żona tal-euro li jesperjenzaw - jew li jkollhom ir-riskju li jesperjenzaw - diffikultajiet fil-bilanċ tal-pagamenti.
- L-**EFSM** ġie stabbilit fl-2010 biex jipprovdi appoġġ finanzjarju lill-Istati Membri li qed jesperjenzaw - jew li huma mhedda minn - diffikultajiet finanzjarji severi kkawżati minn avvenimenti eċċezzjonali lil hinn mill-kontroll tagħhom.
- Il-programm **SURE** sar qbil fuqu f'Ġunju 2020 biex jgħin fil-finanzjament ta' żidiet f'daqqa u severi fin-nefqa pubblika nazzjonali relatata ma' skemi nazzjonali ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u miżuri simili b'rispons għall-kriżi tal-COVID-19. Peress li dan l-istrument ta' emerġenza ġie stabbilit qabel ma daħlet fis-seħħ iż-żieda tal-2020 fil-limitu massimu tar-riżorsi proprji[40] u fil-marġni ta' manuvra, l-Istati Membri kollha qablu li jipprovdu garanziji irrevokabbli, mingħajr kundizzjonijiet u fuq talba għal 25 % tal-ammont massimu ta' assistenza finanzjarja[41]. Kull Stat Membru jikkontribwixxi għall-ammont kumplessiv tal-garanzija b'mod li huwa proporzjonat għas-sehem relattiv tiegħu fl-ING totali tal-UE (abbażi tal-bażit tal-UE għall-2020).
- L-**RRF** hija l-pilastru ċentrali tal-programm NextGenerationEU (NGEU) (2020)[42] u hija strument temporanju biex jiġu appoġġati r-riformi u l-investimenti fl-Istati Membri bl-għan aħħari li jiġi ffaċilitat l-irkupru mill-pandemija tal-COVID-19 filwaqt li jiġu appoġġati t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. Skont l-istrument tal-UE għall-irkupru, il-Kummissjoni tissellef fondi li l-RRF imbagħad tuża sabiex tiffinanzja r-riformi u l-investimenti ta' stati Membri. Il-finanzjament jista' jkun jew self (appoġġ ripagabbli) jew għotja (appoġġ mhux ripagabbli). Is-self tal-RRF biss (għall-kuntrarju tal-għotjiet tal-RRF) iwassal għal obbligazzjonijiet kontinġenti, u għalhekk is-self tal-RRF biss jitqies għall-finijiet ta' dan ir-rapport.

Fl-aħħar tal-2024, il-bażit tal-UE kien ġarrab obbligazzjonijiet kontinġenti minn żewġ programmi b'appoġġ għall-Ukrajna li ġew irreġistrati kontra l-marġni ta' manuvra. L-ewwel wieħed minn dawn il-programmi huwa **AMF+**, li għalih l-ammonti pendenti laħqu EUR 18-il biljun fi tmiem l-2023 mingħajr ebda self addizzjonali ġdid żborżat fl-2024. It-tieni wieħed minn dawn il-programmi huwa, il-**Faċilità għall-Ukrajna** (EUR 13,1 biljun pendenti fi tmiem l-2024). Il-kostijiet tal-imgħax taħt iż-żewġ programmi huma ssussidjati fil-perjodu sa tmiem l-2027 biex tiżdied il-konċessjonalità ta' dak is-self, b'arranġamenti differenti. L-Istati Membri jkopru l-kostijiet tal-imgħax tas-self tal-AMF+ permezz ta' dħul assenjat estern permezz tal-bażit tal-UE, filwaqt li l-bażit tal-UE jkopri l-kostijiet tar-rata tal-imgħax fuq is-self tal-Faċilità għall-Ukrajna.

Tabella 4: Self żborżat garantit b'marġni ta' manuvra bażitarju tal-UE (fil-31 ta' Diċembru 2024) (EUR miljun)

	Self żborżat	Imgħax dovut	Total
Faċilità tal-BoP	200	1	**201**

ħlas lura ta' dawn l-operazzjonijiet ta' teħid b'self huwa kopert permezz tal-approprjazzjonijiet tal-bażits annwali futuri, fi ħdan il-limiti massimi tal-QFP, u b'hekk fil-prinċipju ma jikkostitwix obbligazzjoni kontinġenti għall-UE. Madankollu, l-attivitajiet ta' għoti u teħid b'self tal-NGEU (jiġifieri biex jiffinanzjaw self taħt l-RRF) jagħtu lok għal obbligazzjonijiet kontinġenti ġodda u huma indirizzati f'dan ir-rapport.

40 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 tal-14 ta' Diċembru 2020 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea u li tħassar id-Deċiżjoni 2014/335/UE.

41 Minbarra l-garanzija pprovduta mill-Istati Membri kollha, hemm għadd ta' salvagwardji stabbiliti fir-Regolament SURE biex jittaffa r-riskju mill-obbligazzjonijiet kontinġenti ta' SURE. Dawn jinkludu limitu ta' konċentrazzjoni fuq l-akbar tliet selfiet ta' 60 % tal-ammont massimu mogħti taħt SURE, skopertura annwali massima ta' 10 % (jiġifieri pagamenti dovuti kull sena ma jistgħux jaqbżu EUR 10 biljun), u l-possibbiltà li l-Kummissjoni tirriporta t-teħid b'self tagħha jekk ikun meħtieġ.

42 Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/2094 li jistabbilixxi Strument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru biex jappoġġa l-irkupru wara l-kriżi tal-COVID-19 (ĠU L 433, I, 22.12.2020, p. 23).

EFSM	42 000	380	**42 380**
SURE	98 355	104	**98 459**
RRF (self)	108 686	1 434	**110 120**
AMF+	18 000	273	**18 273**
Il-Faċilità għall-Ukrajna	13 112	205	**13 317**
Total	**280 353**	**2 397**	**282 750**

Bejn tmiem l-2023 u tmiem l-2024, l-aktar żieda sinifikanti kienet fis-self tal-RRF, li żdied minn EUR 79,6 biljun għal EUR 110,1 biljun — żieda ta' EUR 30,5 biljun minn tmiem l-2023 (+38,3 %). B'mod ġenerali, l-ammonti pendenti totali żdiedu minn EUR 239,7 biljun fl-aħħar tal-2023 għal EUR 282,8 biljun fl-aħħar tal-2024, u dan jirrappreżenta żieda ta' EUR 43,0 biljun (+17,9 %).

It-tabella 5 ta' hawn taħt tippreżenta l-ammonti ta' ħlasijiet lura annwali totali (kapital u imgħax) dovuti mill-benefiċjarji kollha tas-self tal-UE mogħti fil-kuntest ta': i) l-assistenza finanzjarja lill-Istati Membri, u ii) l-assistenza finanzjarja lill-Ukrajna skont l-istrumenti tal-AMF+ u l-Faċilità għall-Ukrajna.

Għal kull waħda mis-snin taħt kunsiderazzjoni, dawn l-ammonti jipprovdu indikatur tal-fluss ta' ħruġ massimu teoretiku li għandu jiġi kopert mill-baġit tal-UE fir-rigward tal-obbligazzjonijiet kontinġenti li jirriżultaw mill-assistenza finanzjarja lill-Istati Membri u lill-Ukrajna fl-aħħar tal-2024.

Matul il-perjodu ta' żmien tal-QFP li jmiss (sal-2034), il-ħlasijiet lura tal-kapital u tal-imgħax minn benefiċjarji tas-self (jiġifieri eskluż is-self tal-RRF) rilevanti għal-limitu massimu permanenti jammontaw għal medja ta' EUR 9,2 biljun kull sena. Il-ħlasijiet lura tal-kapital u tal-imgħax minn benefiċjarji ta' self garantit bil-limitu massimu tal-NGEU (jiġifieri self tal-RRF) huma bħala medja EUR 2,8 biljun fis-sena matul il-perjodu 2025-2034.

Tabella 5: Skeda annwali ta' ħlas lura ta' self pendenti garantit minn marġni ta' manuvra (kapital u imgħax) taħt il-programmi eżistenti għas-snin 2025-2030 (fil-31 ta' Diċembru 2024) (EUR miljun)


Sena	BoP	EFSM	SURE	Self tal-RRF (*)	AMF+ (**)	Faċilità għall-Ukrajna(***)	Il-programmi kollha
2025	206	306	8 217	2 215	570	320	11 834
2026	0	6 913	8 327	2 216	570	391	18 417
2027	0	3 587	327	2 216	570	391	7 091
2028	0	4 612	10 327	2 219	571	392	18 121
2029	0	1 790	8 464	2 218	571	391	13 434
2030	0	371	10 327	2 216	570	391	13 875
Total	**206**	**17 579**	**45 989**	**13 300**	**3 423**	**2 277**	**82 772**

(*) Imgħax għal self tal-RRF taħt il-programm NGEU huwa kkalkulat fuq bażi kontinwa skont metodoloġija speċifika (ara d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2022)9701 final tad-19.12.2022). L-imposta annwali tal-imgħax għal dan is-self ippreżentat hawn fuq hija għalhekk stima bbażata fuq il-kundizzjonijiet ta' finanzjament kurrenti. (**) F'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2022/2463, kull sena, fuq talba tal-Ukrajna, l-UE tista' tagħti sussidju tar-rata tal-imgħax biex tkopri l-kostijiet tal-imgħax relatati mas-self tal-AMF+.
(***) F'konformità mal-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) 2024/792, kull sena l-Ukrajna tista' titlob sussidju tar-rata tal-imgħax biex tkopri l-kostijiet tal-imgħax relatati mas-self mogħti taħt il-Faċilità għall-Ukrajna.

2.4 Ħarsa ġenerali lejn l-obbligazzjonijiet kontinġenti fi tmiem l-2024

Fi tmiem l-2024, il-baġit tal-UE kien espost għal obbligazzjonijiet kontinġenti għal ammont totali ta' EUR 410 biljun, li jistgħu jinqasmu fi: i) aktar minn **EUR 300 biljun** relatati ma' self mogħti lill-Istati Membri u lil pajjiżi terzi; u ii) **EUR 110 biljun** relatati mal-garanziji pprovduti permezz tal-FEIS, InvestEU, ELM, EFSD, EFSD+, u l-UIF. L-akbar sett ta' skoperturi għall-baġit tal-UE joriġina minn programmi ta' self lill-Istati Membri.


Illustrazzjoni 1: Diżaggregazzjoni tal-obbligazzjonijiet kontinġenti skont is-sors (fil-31 ta' Diċembru 2024)



(*) Abbażi tal-ammont totali ta' "Garanzija massima disponibbli ffirmata mas-sħab ta' implimentazzjoni" (ara t-Tabella 1).

L-importanza dejjem tikber tal-garanziji baġitarji u tal-programmi ta' assistenza finanzjarja għall-implimentazzjoni tal-politiki tal-UE tidher fix-xejra kostanti 'l fuq fil-perjodu 2021-2024. Iż-żieda rreġistrata fl-2024 (+13 % meta mqabbla mas-sena ta' qabel) hija f'konformità maż-żieda rreġistrata bejn tmiem is-sena 2022 u tmiem is-sena 2023, +16 %). Dan jitqabbel maż-żieda sinifikanti ta' 40 % osservata bejn tmiem is-sena 2021 u tmiem is-sena 2022, li tibda minn bażi aktar baxxa.

Illustrazzjoni 2: Diżaggregazzjoni tal-obbligazzjonijiet kontinġenti pendenti skont is-sors fil-perjodu 2021-2024 (EUR biljun)



Il-biċċa l-kbira taż-żieda tal-2024 hija rrappreżentata mill-iżborżi ta' self addizzjonali taħt l-RRF u l-assistenza finanzjarja lill-Ukrajna. Fl-2024, l-obbligazzjonijiet kontinġenti li jirriżultaw mill-programmi ta' garanzija baġitarja baqgħu fil-biċċa l-kbira stabbli. Iż-żieda fl-obbligazzjonijiet li tirriżulta mill-programmi ta' garanzija baġitarja minħabba l-bidu tal-fażi ta' implimentazzjoni għal InvestEU, l-EFSD+ u l-UIF ġiet ikkumpensata kważi kompletament mit-tnaqqis fl-iskoperturi tal-ELM, tal-FEIS u tal-EFSD minħabba skoperturi li jimmaturaw jew ikkanċellati.

L-obbligazzjonijiet kontinġenti tal-UE komplew jiżdiedu fl-2025 fir-rigward ta':

(i) appoġġ addizzjonali għal pajjiżi terzi (b'mod partikolari appoġġ lill-Ukrajna taħt il-Faċilità għall-Ukrajna u self tal-AMF għall-"Aċċellerazzjoni ta' Dħul Straordinarju" (ERA, Extraordinary Revenue Acceleration)[43]);

(ii) ħlasijiet addizzjonali ta' self tal-RRF lill-Istati Membri;

(iii) aktar progress fl-implimentazzjoni tal-programmi ta' garanzija baġitarja (InvestEU, EFSD+ u l-UIF); u

(iv) l-implimentazzjoni tal-programmi tal-AMF li għadhom kif ġew approvati għall-Eġittu[44] u għall-Ġordan[45], flimkien mal-implimentazzjoni tal-Qafas ta' Investiment għall-Balkani tal-Punent (WBIF, Western Balkans Investment Framework)[46] u tal-Faċilità għall-Moldova[47].

L-iżborż tas-self lill-Istati Membri taħt il-programm Azzjoni għas-Sigurta tal-Ewropa (SAFE, Security Action for Europe) se jibda fil-bidu tal-2026[48].

3. Valutazzjoni tas-sostenibbiltà tal-obbligazzjonijiet kontinġenti tal-UE

43 Ir-Regolament (UE) 2024/2773 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2024 li jistabbilixxi l-Mekkaniżmu ta' Kooperazzjoni ta' Self għall-Ukrajna u li jipprovdi assistenza makrofinanzjarja eċċezzjonali lill-Ukrajna.

44 Id-Deċiżjoni (UE) 2025/1267 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2025 li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja lir-Repubblika Għarbija tal-Eġittu.

45 Id-Deċiżjoni (UE) 2025/793 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' April 2025 li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja lir-Renju Ħaxemita tal-Ġordan.

46 Ir-Regolament (UE) 2024/1449 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 dwar l-istabbiliment tal-Faċilità għar-Riforma u t-Tkabbir għall-Balkani tal-Punent.

47 Ir-Regolament (UE) 2025/535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Marzu 2025 li jistabilixxi l-Faċilità għar-Riforma u t-Tkabbir għar-Repubblika tal-Moldova.

48 Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2025/1106 tas-27 ta' Mejju 2025 li jistabbilixxi l-Istrument ta' Azzjoni għas-Sigurtà tal-Ewropa (SAFE) permezz tat-Tisħiħ tal-Industrija Ewropea tad-Difiża.

3.1 Qafas ta' valutazzjoni

Mingħajr preġudizzju għall-valutazzjoni tal-proviżjonament ta' ċerti obbligazzjonijiet finanzjarji tul il-ħajja kollha tagħhom li hija meħtieġa meta jiġġarrbu l-obbligazzjonijiet, l-Artikolu 213(3) tar-Regolament Finanzjarju jistipula li "*l-obbligazzjonijiet kontinġenti li jirriżultaw mill-garanziji baġitarji jew mill-assistenza finanzjarja mġarrba mill-baġit għandhom jitqiesu bħala sostenibbli, jekk l-evoluzzjoni pluriennali prevista tagħhom hija kompatibbli mal-limiti ffissati mir-regolament li jistabbilixxi l-QFP previst fl-Artikolu 312(2) TFUE u l-limitu massimu fuq approprjazzjonijiet ta' pagament annwali stabbiliti fl-Artikolu 3(1) tad-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2020/2053.*" (jiġifieri l-limiti massimi tal-QFP u l-limitu massimu tar-riżorsi proprji).

Dan ifisser li r-riżorsi li l-UE tista' tuża f'sena waħda taħt il-QFP kurrenti u l-limitu massimu tar-riżorsi proprji għandhom ikunu biżżejjed biex jiffinanzjaw in-nefqiet li jirriżultaw taħt il-QFP kif ukoll kwalunkwe obbligazzjoni kontinġenti li tista' timmaterjalizza.

B'mod partikolari, il-pagamenti relatati ma' **obbligazzjonijiet kontinġenti proviżjonati** għal garanziji baġitarji u assistenza finanzjarja lil pajjiżi terzi jridu jiġu ffinanzjati mill-proviżjonijiet stabbiliti u minn kwalunkwe pagament proviżjonat ulterjuri ppjanat taħt il-QFP. It-Taqsima 3.2 ta' dan ir-rapport tippreżenta valutazzjoni tal-adegwatezza tal-proviżjonijiet disponibbli biex jiġu ssodisfati l-pagamenti mistennija u mhux mistennija li jirriżultaw minn garanziji baġitarji u assistenza finanzjarja lil pajjiżi terzi għall-obbligazzjonijiet kif kienu fi tmiem l-2024.

Il-pagamenti relatati mal-materjalizzazzjoni ta' obbligazzjonijiet kontinġenti li jirriżultaw minn **assistenza finanzjarja garantita b'marġni ta' manuvra** lill-Istati Membri u lill-Ukrajna jistgħu jiġu ffinanzjati billi jintalbu riżorsi proprji addizzjonali sal-limitu massimu stabbilit mill-ORD bħala l-aħħar alternattiva wara mezzi oħra biex jiġu koperti dawk il-pagamenti jew biex jiġu skedati mill-ġdid l-obbligazzjonijiet relatati. Il-marġni ta' manuvra (jiġifieri d-differenza bejn il-limitu massimu tar-riżorsi proprji u r-riżorsi proprji meħtieġa għall-finanzjament tal-infiq tal-baġit tal-UE) jirrappreżenta l-kapaċità finanzjarja tal-UE li tkopri flussi tal-ħruġ addizzjonali relatati mal-materjalizzazzjoni ta' obbligazzjonijiet kontinġenti li jirriżultaw minn assistenza finanzjarja garantita minn marġni ta' manuvra[49]. Ir-riżultati tal-valutazzjoni tas-sostenibbiltà tal-obbligazzjonijiet kontinġenti garantiti minn marġni ta' manuvra eżistenti fi tmiem l-2024 huma ppreżentati fit-Taqsima 3.3 hawn taħt. L-ORD tal-2020 iżżid temporanjament il-limitu massimu tar-riżorsi proprji (sa 0,6 % addizzjonali tal-ING sal-2058) biex tkopri l-obbligazzjonijiet imġarrba matul l-implimentazzjoni tal-NGEU, inkluż l-obbligazzjonijiet kontinġenti garantiti b'marġni ta' manuvra li jirriżultaw mis-self tal-RRF lill-Istati Membri.

3.2 Valutazzjoni tas-sostenibbiltà tal-obbligazzjonijiet kontinġenti proviżjonati

a) Proviżjonament disponibbli fi tmiem l-2024

Obbligazzjonijiet kontinġenti li jirriżultaw minn garanziji baġitarji u minn assistenza finanzjarja lil pajjiżi terzi huma proviżjonati fil-baġit tal-UE abbażi ta' valutazzjoni konservattiva tat-telf mistenni tul il-ħajja għal kull strument flimkien ma' buffer ta' sikurezza addizzjonali (biex jiġi indirizzat telf mhux mistenni). Il-proviżjonijiet li jipproteġu l-baġit tal-UE kontra telf li jista' jirriżulta minn garanziji baġitarji u assistenza finanzjarja lil pajjiżi terzi jinżammu fis-CPF.

Fil-31 ta' Diċembru 2024, il-valur tas-suq tal-assi netti fis-CPF kien jammonta għal EUR 23,2 biljun, żieda minn EUR 18,8 biljun fi tmiem l-2023[50]. Għas-snin li jifdal ta' dan il-QFP, il-Kummissjoni se tibni proviżjonijiet addizzjonali għas-CPF (b'mod partikolari proviżjonijiet relatati ma' InvestEU, l-EFSD+ u l-Garanzija għall-Ukrajna), li se jwasslu għal aktar żidiet fid-daqs tas-CPF.

Skont il-Linji Gwida dwar il-Ġestjoni tal-Assi, is-CPF iżomm portafoll likwidu diversifikat, li primarjament jinvesti fi strumenti ta' dejn bi klassifikazzjoni għolja, bħal bonds maħruġa minn

49 Il-qafas ta' valutazzjoni għal dan is-sett ta' obbligazzjonijiet kontinġenti ġie deskritt fid-dettall fil-ħarġa tal-2021 ta' dan ir-rapport, jiġifieri COM(2021) 676 final tal-5.11.2021.

50 Fl-2024, is-CPF irċieva EUR 3,6 biljun ta' kontribuzzjonijiet netti mill-baġit tal-UE jew li kkontribwew l-Istati Membri u l-pajjiżi parteċipanti fiż-Żona Ewropea ta' Kummerċ Ħieles (EFTA, European Free Trade Area).

gvernijiet, supranazzjonali, aġenziji tal-Istat u korporattivi bl-għan li jipprovdi preservazzjoni tal-kapital matul l-orizzont tal-investiment tiegħu. Il-portafoll tas-CPF fi tmiem is-sena kien diversifikat sew fil-klassijiet differenti ta' assi f'introjtu universali fiss eliġibbli, inkluż xi skopertura limitata għal titoli denominati mhux f'euro, fondi nnegozjati fil-borża ta' ekwità (ETFs, exchange-traded funds) u flus jew ekwivalenti ta' flus.

Fl-2024, is-CPF kiseb redditu annwali ta' +3,57 %, li jaqbeż il-parametru referenzjarju tal-portafoll tiegħu (+3,31 %)[51].

Filwaqt li l-fondi miżmuma fis-CPF huma ġestiti f'konformità ma' politika ta' investiment unika u bl-użu ta' infrastruttura komuni, il-proviżjonijiet huma allokati bħala li jappartjenu għall-programm (jew għall-Istat Membru) li huwa s-sors tal-proviżjonament baġitarju.

Fil-31 ta' Diċembru 2024, is-CPF kien magħmul minn 18-il kompartiment (li 15 minnhom kienu kompletament operazzjonali u kien fihom il-fondi), inkluż il-kompartimenti għall-programmi ta' garanzija kollha li għaddejjin u l-kompartiment tal-Fond ta' Garanzija għall-Azzjoni Esterna (GFEA, Guarantee Fund for External Actions) (li jkopri self ta' legat ELM, Euratom u AMF) u dawk għas-self tal-AMF u tal-Euratom ta' wara l-2020. Mit-18-il kompartiment, 11 kienu relatati mal-iskoperturi tal-UE u sebgħa kienu kompartimenti tal-Istati Membri taħt InvestEU fejn l-Istati Membri kontribwenti huma s-sidien tal-proviżjonijiet u huma biss responsabbli għall-obbligazzjonijiet kontinġenti assoċjati.

Il-proviżjonijiet għas-self tal-AMF u tal-Euratom huma mifruxa fuq għadd ta' kompartimenti differenti tas-CPF:

- l-iskoperturi ta' legat (EUR 7,3 biljun ta' self tal-AMF u EUR 300 miljun ta' self tal-Euratom) huma parti mill-kompartiment tal-GFEA;
- is-self il-ġdid tal-AMF (EUR 2,7 biljun) impenjat wara l-2020, inkluż is-self ta' emerġenza tal-AMF tal-2022 ta' 1,2 biljun lill-Ukrajna, jinsab fil-kompartiment tal-AMF ta' wara l-2020;
- is-self eċċezzjonali tal-AMF lill-Ukrajna ta' EUR 6 biljun (AMF I u AMF II eċċezzjonali) jinsab f'kompartiment separat minħabba li dan is-self jibbenefika minn kopertura supplimentari tar-riskji (jiġifieri għal dan il-pakkett eċċezzjonali ta' self tal-AMF lill-Ukrajna, hija meħtieġa rata ta' kopertura ta' 70 %: 9 % tal-proviżjonament imħallas mill-baġit tal-UE u 61 % tal-garanziji eżerċitabbli mill-Istati Membri).

51 Għal informazzjoni addizzjonali ara r-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-Fond ta' Proviżjonament Komuni fl-2024.

Tabella 6: Kompartimenti tas-CPF (fil-31 ta' Diċembru 2024)

Kompartiment	Valur tas-suq f'EUR
Kompartimenti miftuħa fl-2021	
FEIS	8 880 303 796
GFEA[52]	3 225 691 236
EFSD	761 545 053
InvestEU[53]	5 530 142 834
Kompartimenti miftuħa fl-2022	
EFSD+	2 942 175 755
AMF wara l-2020	128 662 218
AMF eċċezzjonali l-Ukrajna[54]	240 575 443
Self tal-Euratom wara l-2020	-
Self tal-ELM bi skop ġdid għall-Ukrajna	-
Garanzija ta' InvestEU għar-Rumanija	187 974 119
Garanzija ta' InvestEU għaċ-Ċekja	44 099 187
Garanzija ta' InvestEU għall-Finlandja	30 657 774
Garanzija ta' InvestEU għall-Greċja	252 204 112
Operazzjonijiet ta' Taħlit ta' InvestEU	667 045 123
Kompartimenti miftuħa fl-2023	
Garanzija ta' InvestEU għall-Bulgarija	79 674 706
Garanzija ta' InvestEU għal Malta	7 939 418
Kompartimenti miftuħa fl-2024	
Garanzija għall-Ukrajna	201 878 310
Garanzija ta' InvestEU għal Spanja	-
TOTAL	**23 180 569 085**

b) Valutazzjoni tas-sostenibbiltà tal-garanziji baġitarji

Kif spjegat fit-Taqsima 2.1, il-garanziji baġitarji tal-UE jvarjaw sostanzjalment f'termini tal-objettivi tal-politika, l-istrutturi tal-kondiviżjoni tar-riskju u l-profil tar-riskju tal-operazzjonijiet sottostanti. Min-naħa tiegħu, dan jista' jwassal għal rata ta' proviżjonament differenti għal programmi differenti, ibbażata fuq valur fir-riskju (VaR, value-at-risk)[55] tul il-ħajja li tiżgura kopertura xierqa tat-telf potenzjali f'ċertu livell ta' fiduċja (predefinit). L-analiżi mwettqa bħala parti mill-aħħar rapport dwar l-Artikolu 41(5) tar-Regolament Finanzjarju tikkonferma li l-ammonti

52 Fond ta' Garanzija għall-azzjonijiet esterni (GFEA), li jżomm il-proviżjonijiet għall-Mandat ta' Self Estern (ELM), għall-programmi legati tal-AMF u tal-Euratom.

53 Kompartiment tal-UE.

54 Skont id-Deċiżjoni (UE) 2022/12018 u d-Deċiżjoni (UE) 2022/1628 li jipprovdu assistenza makrofinanzjarja eċċezzjonali lill-Ukrajna.

55 Il-VaR jista' jiġi definit bħala l-livell ta' telf tal-portafoll li, statistikament, fuq ċertu perjodu ta' żmien, mhux se jinqabeż b'ċertu livell ta' fiduċja. Il-livelli ta' fiduċja rispettivi għall-programmi interni (FEIS, InvestEU) u għall-programmi esterni (EFSD, EFSD+) huma ta' 95 % u 90 % rispettivament u jqisu fatturi bħall-objettivi ta' politika differenti u l-oqfsa rispettivi.

ta' proviżjonament disponibbli għall-kompartimenti tas-CPF rilevanti huma f'konformità mar-rekwiżiti tar-regolamenti rispettivi. Għall-programmi tal-FEIS u tal-EFSD, ġie identifikat proviżjonament ta' surplus.

Il-konklużjonijiet li ġejjin jistgħu jinstiltu mid-data disponibbli dwar it-telf nett tul il-ħajja fil-31 ta' Diċembru 2024 dwar il-garanziji baġitarji fis-seħħ f'dik id-data:

- Il-**FEIS** huwa garanzija baġitarja kostitwita bis-sħiħ li għaliha l-perjodu eliġibbli għall-firem skada fi tmiem l-2022. Għalhekk, il-Kummissjoni trid twettaq il-valutazzjoni tas-surplus/tar-rikostituzzjoni meħtieġa skont l-Artikolu 216(4) tar-Regolament Finanzjarju. Din is-sena, il-Kummissjoni kkonkludiet li r-rata ta' proviżjonament fil-mira tal-FEIS ta' 35 % għadha xierqa (jiġifieri l-valutazzjoni tar-riskju bbażata fuq l-analiżi tal-Valur fir-Riskju (VaR) b'livell ta' fiduċja ta' 95 % issuġġeriet rata ta' proviżjonament meħtieġa ta' 34 % (żieda minn 31 % fis-sena preċedenti)). Il-proviżjonament kurrenti miżmum kontra l-iskoperturi tal-FEIS (38,7 %) jaqbeż ir-rata ta' proviżjonament fil-mira ta' 35 %. Huwa stabbilit legalment li dan il-proviżjonament eċċessiv tal-FEIS ta' EUR 853 miljun jista' jintuża biex jiffinanzja l-kost ta' proviżjonament tal-garanzija tal-UE taħt InvestEU, u l-parti li jifdal se tiffinanzja l-Faċilità ta' Self għas-Settur Pubbliku.
- L-**EFSD** huwa wkoll kostitwit bis-sħiħ mill-aħħar tal-2024. L-analiżi tar-riskju turi li f'dan l-istadju, ir-rata ta' proviżjonament fil-mira ta' 50 % għadha xierqa. Meta mqabbel mal-parametru referenzjarju rilevanti[56], hemm proviżjonament eċċessiv ta' EUR 321,4 miljun, u abbażi tar-rata ta' proviżjonament fil-mira, is-surplus huwa ta' EUR 405 miljun.
- Il-**GFEA**, li għandu l-proviżjonament għal self tal-AMF ta' qabel l-2021, għal self tal-Euratom, u għall-ELM, bħalissa għandu rata ta' proviżjonament *de facto* ta' 9,96 % (mingħajr ma jiġi kkunsidrat is-self bi skop ġdid tal-ELM lill-Ukrajna), li tqabbel ma' rata ta' proviżjonament fil-mira stabbilita fir-Regolament tal-GFEA ta' 9 %. Għal self bi skop ġdid tal-ELM lill-Ukrajna, il-Kummissjoni tqis li rata ta' proviżjonament ta' 70 % għadha xierqa.
- **InvestEU**, l-**EFSD+** u l-**UIF** għadhom fil-fażi ta' żieda li jfisser li l-portafolli u l-proviżjonament sottostanti għadhom ma humiex kostitwiti bis-sħiħ. Għalhekk, għadu kmieni wisq biex wieħed jasal għal konklużjonijiet dwar l-adegwatezza tar-rati ta' proviżjonament għal dawn il-garanziji.

c) Valutazzjoni tas-sostenibbiltà ta' self proviżjonat lil pajjiżi terzi

Il-kompożizzjoni tal-portafoll ta' self tal-AMF pendenti lil pajjiżi terzi tinkludi self lil sett diversifikat ta': (i) pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali tal-UE; (ii) pajjiżi u territorji koperti mill-Politika Ewropea tal-Viċinat; u (iii) pajjiżi oħra mhux tal-UE li għandhom rwol determinanti fl-istabbiltà reġjonali u li huma ta' importanza strateġika għall-UE, u li huma politikament, ekonomikament, u ġeografikament qrib l-UE.

Il-kunsiderazzjonijiet stabbiliti fit-tliet punti ta' hawn taħt jappoġġaw l-adegwatezza kontinwa tar-rata ta' proviżjonament fil-mira kumplessiva ta' 9 % għas-self tal-AMF:

- il-pożizzjoni ekonomika tal-benefiċjarji tal-AMF, filwaqt li jitqiesu fatturi bħall-PDG *per capita*, il-maturità relattiva tal-ekonomija, il-prossimità għall-ekonomija tal-UE, eċċ;
- ir-rabta diretta u l-kontinġenza tal-programmi tal-AMF ma' programm eżistenti tal-iżborż tal-FMI, u rekord sodisfaċenti dwar l-implimentazzjoni tiegħu, li għandhom jiżguraw il-vijabbiltà finanzjarja tal-pajjiż mhux tal-UE u, b'hekk, il-ħlas lura eventwali tal-fondi tal-Unjoni;
- valutazzjoni tas-sitwazzjoni ekonomika tal-benefiċjarji tal-AMF u l-iżviluppi makroekonomiċi reċenti fil-pajjiżi sħab.

Dwar ir-riskju tal-likwidità, wieħed għandu jżomm f'moħħu wkoll li l-istruttura kurrenti tas-self, il-maturitajiet u l-ħlasijiet lura tal-AMF mill-benefiċjarji huma mifruxa sew fuq QFP kurrenti u

56 Valur fir-Riskju b'livell ta' fiduċja ta' 90 %.

sussegwenti (kif irrapportat fil-kontijiet annwali konsolidati tal-UE[57]) u b'hekk jitnaqqas id-daqs tal-iskopertura tal-baġit tal-UE anke fil-każ ta' dewmien fil-ħlas lura jew inadempjenza. Barra minn hekk, il-likwidità fis-CPF taġixxi bħala buffer, filwaqt li tiżgura li jkun hemm biżżejjed likwidità disponibbli biex jiġi trattat tfixkil finanzjarju potenzjali.

Kaxxa 2: Obbligazzjonijiet kontinġenti tal-UE li jirriżultaw mill-appoġġ finanzjarju lill-Ukrajna – Żviluppi ewlenin fl-2024-2025

Mill-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja fl-2022, l-UE pprovdiet b'mod konsistenti appoġġ politiku, ekonomiku, militari, finanzjarju u umanitarju b'saħħtu lill-Ukrajna. Is-sett sħiħ ta' skoperturi finanzjarji diretti u indiretti lill-Ukrajna taħt programmi eżistenti fit-30 ta' Ġunju 2025 huwa ppreżentat fit-Tabella 7 hawn taħt.

Il-mezz ewlieni għall-għoti ta' appoġġ finanzjarju lill-Ukrajna għall-perjodu 2024–2027 huwa l-**Faċilità għall-Ukrajna**, b'kapaċità kumplessiva sa EUR 50 biljun għall-2024-2027[58].

Fl-2024, l-UE impenjat ruħha li tipprovdi self ulterjuri tal-AMF ta' EUR 18,1 biljun fil-kuntest ta' **"Self għall-Aċċellerazzjoni ta' Dħul Straordinarju (ERA, Extraordinary Revenue Acceleration) għall-Inizjattiva tal-Ukrajna" tal-G7**[59]. Is-self, li għandu jiġi żborżat kompletament matul l-2025, se jitħallas lura b'rikavati minn assi tal-Istat Russu immobbilizzati fl-UE permezz tal-**Mekkaniżmu ta' Kooperazzjoni ta' self għall-Ukrajna ("ULCM", Ukraine Loan Cooperation Mechanism)**[60] amministrat mill-Kummissjoni Ewropea. Id-dħul mill-assi immobbilizzati se jkopri wkoll il-kostijiet tar-rata tal-imgħax ta' dan is-self.

Is-self tal-Faċilità għall-Ukrajna (EUR 33 biljun għall-2024-2027) u s-self tal-AMF għall-Aċċellerazzjoni ta' Dħul Straordinarju (ERA) (EUR 18,1 biljun għall-2024-2027) huma pprovduti b'konċessjonalità għolja, minħabba s-sussidjar tal-imgħax u l-perjodu twil ta' ħlas lura ta' 35 sena u ta' 45 sena rispettivament, inkluż perjodu ta' konċessjoni ta' 10 snin. Dan inaqqas il-piż annwali fuq il-finanzi pubbliċi tal-Ukrajna filwaqt li jimminimizza wkoll ir-riskji għall-baġit tal-UE. Selfiet għal ammont totali ta' EUR 16,2 biljun kienu pendenti taħt il-Faċilità għall-Ukrajna fi tmiem Ġunju 2025, filwaqt li EUR 7 biljun ġew żborżati fl-ewwel nofs tal-2025 taħt is-self tal-AMF tal-ERA.

Il-kopertura baġitarja għall-obbligazzjonijiet kontinġenti li jirriżultaw minn self lill-Ukrajna mill-2023 ġiet ipprovduta mill-marġni ta' manuvra baġitarju (diskuss fit-taqsima li jmiss). Is-self mogħti lill-Ukrajna lejn tmiem l-2022 (EUR 6 biljun tal-AMF u EUR 1,59 biljun f'self bi skop ġdid taħt l-ELM) huwa soġġett għal kopertura baġitarja ta' 70 %[61].

F'konformità mal-Artikolu 13 tad-Deċiżjoni tal-AMF (UE) 2022/1628, il-Kummissjoni rrieżaminat l-adegwatezza tar-rata ta' proviżjonament ta' 70 % fi tmiem Ġunju 2025 fil-

57 https://commission.europa.eu/publications/consolidated-annual-accounts-european-union-financial-year-2024_en

58 Ara l-Kaxxa 1 fir-Rapport tal-2024 għad-dettalji.

59 F'Ġunju u f'Ottubru 2024, il-G7 ħabbar ftehim għat-tnedija ta' *"Self għall-Aċċellerazzjoni ta' Dħul Straordinarju (ERA, Extraordinary Revenue Acceleration) għall-Inizjattiva tal-Ukrajna"*), li permezz tiegħu, il-membri tal-G7 qablu li jipprovdu lill-Ukrajna b'self sa EUR 45 biljun (madwar USD 50 biljun) kontra appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli mill-Mekkaniżmu ta' Kooperazzjoni ta' Self għall-Ukrajna ("ULCM"). Il-komponent ta' finanzjament tal-inizjattiva jikkonsisti f'self bilaterali individwali minn kull wieħed mill-Istati Uniti, ir-Renju Unit, il-Kanada u l-Ġappun u faċilità eċċezzjonali ta' self ta' assistenza makrofinanzjarja pprovduta mill-Unjoni Ewropea. L-Inizjattiva ta' Self ERA għall-Ukrajna tfasslet sabiex dan is-self ikun jista' jitħallas lura mingħajr rikors għall-Ukrajna, b'fondi għas-servizzjar u l-ħlas lura ta' self li għandu jiġi derivat mill-ULCM. L-ULCM, amministrat mill-Kummissjoni Ewropea, se jkun huwa stess iffinanzjat minn profitti netti straordinarji ġġenerati minn depożitorji ċentrali tat-titoli fl-Unjoni Ewropea u (possibbilment) pajjiżi oħra tal-G7 fuq assi u riżervi tal-Bank Ċentrali Russu li ma ġewx mobilizzati fis-sistemi internazzjonali tal-ikklerjar ftit wara li r-Russja nediet il-gwerra illegali ta' aggressjoni tagħha.

60 Ir-Regolament (UE) 2024/2773 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2024 li jistabbilixxi l-Mekkaniżmu ta' Kooperazzjoni ta' Self għall-Ukrajna u li jipprovdi assistenza makrofinanzjarja eċċezzjonali lill-Ukrajna.

61 Għas-self tal-ELM bi skop ġdid, il-kopertura se tieħu l-forma ta' proviżjonament imħallas iffinanzjat mill-baġit tal-UE. L-istess effett jinkiseb għall-AMF eċċezzjonali billi tiġi ssupplimentata r-rata ta' proviżjonament imħallas fil-livell ta' 9 % b'garanziji mill-Istati Membri biex tiġi koperta t-tieni parti ta' telf sa 61 % tal-iskoperturi tas-self.

kuntest tar-rapport dwar l-Artikolu 41(5) tar-Regolament Finanzjarju. Wara dan ir-rieżami, il-Kummissjoni kkonkludiet li għall-perjodu taħt eżami ma kien hemm l-ebda element dejjiemi u sinifikanti suffiċjenti li jiġġustifika t-tibdil fir-rata ta' proviżjonament ta' 70 %. L-aktar żviluppi reċenti, inkluż l-eżiti tat-tmien rieżami tal-FMI tal-Arranġament Estiż taħt il-programm ta' Faċilità Estiża tal-Fond (EFF, Extended Fund Facility) għall-Ukrajna, jikkonfermaw li r-rata ta' proviżjonament ta' 70 % għall-iskoperturi ta' wara l-gwerra għall-pajjiż għadha xierqa[62].

Tabella 7: Skoperturi diretti u indiretti pendenti għall-Ukrajna (kapital) taħt il-programmi eżistenti (fit-30 ta' Ġunju 2025) (EUR miljun)

Skoperturi diretti	Ammont pendenti	Kopertura baġitarja
AMF ta' legat	3 810	9 %
Self ta' legat tal-Euratom	300	9 %
AMF ta' emerġenza	1 200	9 %
AMF eċċezzjonali I + II	6 000	9 % (+61 % garanziji tal-Istati Membri)
AMF+	18 000	Marġni ta' manuvra
Faċilità għall-Ukrajna – Pilastru I	13 200	Marġni ta' manuvra
Self tal-AMF tal-ERA	7 000	Marġni ta' manuvra
Total	**49 510**	
Skoperturi indiretti		
Self tal-ELM żborżat qabel Frar 2022	1 708	9 %
L-ewwel pakkett tal-BEI taħt l-ELM	668	9 %
It-tieni pakkett tal-BEI taħt l-ELM	1 338	70 %
EFSD+ IW1	103	70 %
Garanzija għall-Ukrajna	1 489	70 %
Total	**5 306**	

3.3 Valutazzjoni tas-sostenibbiltà tal-obbligazzjonijiet kontinġenti garantiti b'marġni ta' manuvra

Il-kapaċità tal-baġit tal-UE li jipprovdi għal sitwazzjoni fejn l-iskopertura fir-rigward tal-obbligazzjonijiet kontinġenti ggarantiti b'marġni ta' manuvra timmaterjalizza tiġi vvalutata billi jiġi applikat il-qafas imsemmi fil-paragrafu 3.1 hawn fuq.

Għal obbligazzjonijiet li huma koperti mil-limitu massimu permanenti tar-riżorsi proprji, il-valutazzjoni annwali tqis l-iskoperturi pendenti mill-31 ta' Diċembru 2024. Kif spjegat fil-Kaxxa 1, dan jinkludi obbligazzjonijiet kontinġenti relatati mal-istat kurrenti ta' għoti u ta' teħid b'self skont: l-EFSM; il-Faċilità tal-Bilanċ tal-Pagamenti; il-programm SURE; l-AMF+ għall-Ukrajna; u l-Faċilità għall-Ukrajna. Obbligazzjonijiet kontinġenti aktar reċenti bħal dawk li jirriżultaw mis-self tal-AMF tal-ERA u mill-Faċilità SAFE se jiġu vvalutati f'valutazzjonijiet annwali futuri[63].

62 Ara https://www.imf.org/en/Publications/CR/Issues/2025/06/30/Ukraine-Eighth-Review-Under-the-Extended-Arrangement-Under-the-Extended-Fund-Facility-568152

63 Il-Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2028 sal-2034 (COM(2025)571 final); Il-Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea u li tħassar id-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2020/2053 (COM(2025)574 final).

Għal obbligazzjonijiet tal-NGEU, fl-2021-2027 tal-QFP, il-limitu massimu tar-riżorsi proprji żdied b'0,6 % tal-ING tal-UE esklużivament biex jiġi ggarantit dan il-ħruġ. Dan jiżgura li l-UE jkollha l-mezzi biex tħallas lura l-imgħax u l-kapital fuq id-dejn maħruġ biex tiffinanzja appoġġ mhux rimborżabbli (għotjiet tal-RRF) u appoġġ ripagabbli (self tal-RRF) tal-NGEU lill-Istati Membri. Peress li l-kostijiet tal-imgħax u l-ħlas lura tal-għotjiet huma inklużi fl-ipprogrammar baġitarju annwali futur, is-self tal-RRF biss jirrappreżenta obbligazzjonijiet kontinġenti għall-baġit. Barra minn hekk, sabiex jiġi applikat approċċ konservattiv, il-bonds li jimmaturaw li huma ppjanati li jiġu riportati huma kkunsidrati wkoll fit-test tal-istress.

L-ewwel pass huwa li jitfassal xenarju ċentrali (xenarju bażi) li jikkorrispondi għall-evoluzzjoni mistennija tal-infiq u l-kapaċità finanzjarja tal-UE fis-snin li ġejjin. Għal dan il-għan, dan ir-rapport jieħu bħala bażi l-abbozz ta' baġit ippubblikat għall-2026[64] u l-previżjoni fit-tul tal-flussi ta' dħul u ta' ħruġ futuri tal-baġit tal-UE[65], li jipprevedi d-dħul u n-nefqa li jirriżultaw mill-QFP 2021-2027, NextGenerationEU u l-QFP li jmiss u l-ORD skont il-proposta tal-Kummissjoni.

F'dan ix-xenarju ċentrali, il-limitu massimu permanenti tar-riżorsi proprji huwa għalhekk stabbilit għal 1,4 % tal-ING tal-UE fl-2026 u fl-2027, u 1,75 % tal-ING tal-UE mill-2028[66]. Għal NextGenerationEU, ix-xenarju ċentrali jassumi l-ħlas lura li jibda fl-2028 b'ammont annwali fiss ta' EUR 24 biljun, f'konformità mal-proposta tal-Kummissjoni dwar il-QFP.

Dan ix-xenarju jipprovdi projezzjoni ta' xenarju bażi tal-marġini ta' manuvra li abbażi tagħha s-sostenibbiltà tal-obbligazzjonijiet kontinġenti mġarrba fil-31 ta' Diċembru 2024 tiġi vvalutata skont l-Artikolu 256 tar-Regolament Finanzjarju. Operazzjonijiet ta' għoti u ta' teħid b'self aktar reċenti se jkunu koperti fir-rapportar annwali futur.

Taħt dan ix-xenarju bażi, u minbarra s-sena baġitarja kurrenti tal-2025, il-marġni ta' manuvra disponibbli biex jiġu koperti l-obbligazzjonijiet kontinġenti eżistenti u ġodda fl-2026-2034 huwa bħala medja madwar **EUR 128,5 biljun** fis-sena fir-rigward tal-marġni taħt il-limitu massimu permanenti tar-riżorsi proprji u madwar **EUR 111,4 biljun** fis-sena għal-limitu massimu temporanju ta' 0,6 % tal-ING tal-UE. Għalhekk, dan ix-xenarju bażi jassumi li l-ebda obbligazzjoni kontinġenti ma timmaterjalizza.

Testijiet tal-istress addizzjonali jivvalutaw is-sostenibbiltà tal-obbligazzjonijiet kontinġenti eżistenti f'xenarji estremi fl-2026-2034. Bl-approċċ ta' finanzjament unifikat, l-obbligazzjonijiet kontinġenti relatati mat-teħid b'self taħt programmi differenti huma rrapportati b'mod integrat, irrispettivament minn jekk humiex relatati ma' riskju ta' nefqa (riporti ppjanati tal-bonds għall-għotjiet tal-ESN) jew riskju ta' dħul (riportamenti ippjanati tal-bonds għal self lill-Istati Membri taħt l-NGEU jew lill-Ukrajna taħt l-AMF+ u l-Faċilità għall-Ukrajna). Għal dik ir-raġuni, l-ittestjar tal-istress fuq id-dħul u fuq in-nefqa huwa kkombinat f'test komuni, meta mqabbel ma' edizzjonijiet preċedenti tar-rapport. L-ittestjar tal-istress jinkludi tliet tipi ta' testijiet tal-istress, li kull wieħed minnhom huwa stabbilit fil-paragrafi ta' hawn taħt.

1) **Test tal-istress fuq l-ekonomija.** Fix-xenarju ċentrali, l-ING tal-UE jsegwi l-projezzjonijiet għat-tkabbir reali u l-inflazzjoni stabbiliti fit-Tbassir Ekonomiku Ewropew tar-Rebbiegħa 2025 tal-Kummissjoni[67]. Għat-test tal-istress, ir-rati ta' tkabbir nominali proġettati huma anqas mix-xenarju bażi b'punt perċentwali għal kull sena tal-perjodu tar-rapportar[68].

   Dan inaqqas il-valur nominali tal-limitu massimu tar-riżorsi proprji u għalhekk il-marġni ta' manuvra disponibbli b'medja ta' **EUR 18,6 biljun** fis-sena għall-ammonti "mhux ibbaġitjati"

64 Inkluż l-Ittra Emendatorja 1/2026 (COM(2025)851).

65 COM (2025) 573 final.

66 Il-proposta tal-Kummissjoni għad-deċiżjoni futura dwar ir-riżorsi proprji tinkludi wkoll il-possibbiltà għal żieda temporanja fil-limitu massimu tar-riżorsi proprji ta' 0,25 % addizzjonali tal-ING tal-UE jekk jiġi attivat il-"mekkaniżmu ta' kriżi". Madankollu, dment u sakemm il-mekkaniżmu jiġi attivat matul il-QFP li jmiss, din id-dispożizzjoni ma taffettwax il-valutazzjoni ppreżentata hawnhekk.

67 Il-Kummissjoni Ewropea, European Economic Forecast, Spring 2025. Institutional Paper 318, Mejju 2025. Spring 2025 Economic Forecast: Moderate growth amid global economic uncertainty - Il-Kummissjoni Ewropea.

68 Dan huwa simili għat-test tal-istress dwar ix-"xenarju negattiv r-g" imwettaq fil-Monitoraġġ tas-Sostenibbiltà tad-Dejn tal-Kummissjoni: 2024.European Economy, Institutional Paper 306, Marzu 2025.

(marġni ta' manuvra) taħt il-limitu massimu permanenti tar-riżorsi proprji u b'**EUR 6,5 biljun** taħt il-limitu massimu temporanju għall-NGEU matul il-perjodu 2026-2034.

2) **Test tal-istress fuq in-naħa tan-nefqa u tad-dħul tal-baġit.** F'dan ix-xenarju, in-nefqa tal-QFP hija proġettata għall-massimu teoretiku tagħha (jiġifieri l-limiti massimi possibbli għall-pagamenti tal-QFP u għall-istrumenti speċjali individwali kollha, inkluż ir-Riżerva għall-Ukrajna). Huwa importanti li jiġi enfasizzat li: (i) dan ma jirriflettix previżjoni minn isfel għal fuq u ma huwiex relatat ma' kwalunkwe aspettattiva kurrenti fir-rigward tal-evoluzzjoni tal-pagamenti tal-UE; u (ii) fuq in-naħa tan-nefqa tal-baġit, kwalunkwe deċiżjoni biex jiżdied l-infiq (fil-limiti massimi tal-QFP) teħtieġ proposta mill-Kummissjoni u l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill kif ukoll tal-awtorità baġitarja.

   Għall-kostijiet ta' finanzjament tal-NGEU, dan ix-xenarju jassumi li l-qbiż tal-kostijiet meta mqabbla mal-aġġornament tekniku tal-programmar finanzjarju fl-2027 huwa għal 50 % tal-qbiż li għandu jiġi kopert minn disponibbiltajiet baġitarji oħra u 50 % oħra li għandhom jiġu koperti mill-istrument Ewropew għall-Irkupru (EURI, European Recovery Instrument).

   Dan ix-xenarju estrem jivvaluta wkoll jekk il-marġni ta' manuvra disponibbli jkunx biżżejjed jekk l-obbligazzjonijiet kontinġenti kollha garantiti b'marġni ta' manuvra jimmaterjalizzaw fl-istess ħin. F'termini prattiċi, dan ikun ifisser li l-pajjiżi kollha li jibbenefikaw minn programmi ta' assistenza finanzjarja (l-aktar l-Istati Membri) fl-istess ħin jonqsu milli jonoraw il-ħlasijiet lura tagħhom meta jkunu dovuti. Għal programmi ffinanzjati mill-approċċ ta' finanzjament unifikat (kemm l-NGEU kif ukoll il-programmi rilevanti tal-QFP), is-suppożizzjoni f'dan it-test tal-istress hija li l-kostijiet kollha tal-imgħax jiġġarrbu mill-baġit u l-ħruġ kollu li jimmatura f'sena partikolari jitħallas lura. Għalhekk, ir-riporti tad-dejn ippjanati ma humiex ikkunsidrati f'din is-sitwazzjoni ipotetika.

   Innota li dan huwa xenarju estremament improbabbli, li ma jqisx il-miżuri kollha li l-Kummissjoni tista' tieħu biex tevita sitwazzjoni bħal din (eż. l-iskedar mill-ġdid tad-dejn u l-ġestjoni attiva tal-flus kontanti).


   Dan it-test tal-istress juri li l-marġni ta' manuvra huwa biżżejjed fix-xenarju fejn in-nefqa tilħaq il-massimu teoretiku, u l-benefiċjarji kollha jkunu inadempjenti fir-rigward tas-self tagħhom. Il-marġni ta' manuvra li jirriżulta taħt il-limitu massimu permanenti tar-riżorsi proprji jkun medja ta' **EUR 101,7 biljun** matul il-perjodu 2026-2034, jiġifieri **EUR 26,7 biljun** anqas mix-xenarju bażi.

   Il-marġni ta' manuvra taħt il-limitu massimu temporanju tar-riżorsi proprji ta' 0,6 % tal-ING tal-UE li jiggarantixxi l-ħruġ tal-NGEU jitnaqqas b'medja ta' **EUR 43,0 biljun** fis-sena, għal livell ta' **EUR 68,4 biljun bħala medja** matul il-perjodu 2026–2034.


3) **Test tal-istress ikkombinat dwar il-kundizzjonijiet ekonomiċi, id-dħul u n-nefqa.** Dan huwa xenarju estrem li jikkombina x-xenarji mhux favorevoli deskritti fiż-żewġ testijiet ta' hawn fuq. Dan inaqqas il-marġni ta' manuvra taħt il-limitu massimu permanenti għal **EUR 83,1 biljun** bħala medja, matul il-perjodu 2026–2034 u għal-limitu massimu temporanju għal **EUR 62,0 biljun**. Dawn l-ammonti jidhru li jikkostitwixxu buffer kbir ta' sikurezza għall-kapaċità finanzjarja tal-UE biex tkopri l-obbligazzjonijiet tagħha (li jirriżultaw kemm minn operazzjonijiet mhux tal-NGEU kif ukoll minn operazzjonijiet tal-NGEU).

Ir-riżultati dettaljati għax-xenarji bażi u dawk tal-istress huma pprovduti fl-anness u miġbura fil-qosor fil-Figuri 3 u 4 hawn taħt.

Illustrazzjoni 3: Limitu massimu tar-riżorsi proprji u ħtiġijiet tar-riżorsi proprji taħt xenarju bażi u testijiet tal-istress kkombinati għal-limitu massimu permanenti.



Illustrazzjoni 4: Limitu massimu tar-riżorsi proprji u ħtiġijiet tar-riżorsi proprji taħt xenarju bażi u testijiet tal-istress kkombinati għal-limitu massimu temporanju tal-NGEU.



4. Konklużjonijiet

Fi tmiem l-2024, il-baġit tal-UE appoġġa EUR 410 biljun f'obbligazzjonijiet kontinġenti, mifruxa fuq **EUR 300 biljun** f'obbligazzjonijiet kontinġenti li jirriżultaw minn self mogħti lill-Istati Membri u lil pajjiżi terzi. Minn dan, EUR 252 biljun huma relatati ma' self lill-Istati Membri u EUR 48 biljun għal self lil Stati mhux Membri. Barra minn hekk, **EUR 110 biljun** oħra f'obbligazzjonijiet kontinġenti rriżultaw minn garanziji ta' investiment ipprovduti taħt il-programmi ELM, FEIS, EFSD, InvestEU, EFSD+ u UIF.

Filwaqt li jitqiesu s-salvagwardji multipli pprovduti fil-qafas tal-UE għall-monitoraġġ u l-ġestjoni tar-riskji marbuta kemm mal-obbligazzjonijiet kontinġenti proviżjonati kif ukoll ma' dawk appoġġati mill-marġni ta' manuvra, u l-valutazzjoni tas-sostenibbiltà ppreżentata f'dan ir-rapport, jistgħu jinstiltu tliet konklużjonijiet ewlenin. Dawn il-konklużjonijiet huma stabbiliti fit-tliet punti ta' hawn taħt.

- Ir-riskji li jirriżultaw minn strumenti proviżjonati (jiġifieri garanziji baġitarji u assistenza finanzjarja lil pajjiżi terzi) huma ġestiti bir-reqqa u proviżjonati b'mod adegwat. Din il-valutazzjoni tqis: (i) data dwar inadempjenzi tal-passat u telf mistenni; (ii) il-miżuri li huma fis-seħħ biex jiżguraw li t-telf ma jaqbiżx il-livelli ta' tolleranza predefiniti; u (iii) il-proviżjonijiet baġitarji li huma disponibbli biex ikopru pagamenti potenzjali.
- Il-kapaċità finanzjarja tal-UE skont il-qafas legali eżistenti u propost (jiġifieri l-ORD eżistenti u r-Regolament QFP u r-Regolament propost QFP u l-ORD mill-2028) hija biżżejjed sew biex tkopri l-materjalizzazzjoni ta' telf li jista' jirriżulta fir-rigward ta' self garantiti b'marġni ta' manuvra bejn issa u tmiem l-2034.
- Il-marġni ta' manuvra għandu riżorsi tajbin biex jiżgura r-robustezza tas-sistema finanzjarja tal-UE u l-affidabbiltà kreditizja tagħha anke f'xenarju negattiv estrem li jikkombina impatti negattivi fir-rigward tal-kundizzjonijiet ekonomiċi, id-dħul u n-nefqa. F'xenarju avvers bħal dan, il-marġni ta' manuvra li jifdal taħt il-limitu massimu permanenti tar-riżorsi proprji jammonta għal medja ta' **EUR 83,1 biljun** fis-sena matul il-perjodu 2026-2034 u għal medja ta' **EUR 62,0 biljun** fis-sena taħt il-limitu massimu temporanju tal-NGEU ta' 0,6 % tal-ING tal-UE matul l-istess perjodu. Dawn l-ammonti jirrappreżentaw buffer ta' sikurezza kontra aktar xokkijiet ekonomiċi negattivi, ħtiġijiet ġodda potenzjali u obbligazzjonijiet kontinġenti futuri kemm għal operazzjonijiet mhux tal-NGEU kif ukoll għal dawk tal-NGEU. Dan ir-riżultat huwa bbażat fuq - u jissottolinja l-importanza ta' - żieda fil-limitu massimu tar-riżorsi proprji għal 1,75 %, kif propost mill-Kummissjoni fil-kuntest tal-pakkett tagħha tal-QFP 2028-2034.

5. Annessi:

Is-sostenibbiltà u l-marġni ta' manuvra fir-rigward tal-limitu massimu permanenti tar-riżorsi proprji

(EUR biljun prezzijiet kurrenti)

		2026	2027	2028	2029	2030	2031	2032	2033	2034
Linja Bażi										
Limitu massimu tar-riżorsi proprji (% tal-ING)		1,40	1,40	1,75	1,75	1,75	1,75	1,75	1,75	1,75
Limitu massimu tar-riżorsi proprji (EUR biljun)	a	269,6	278,7	359,7	371,5	383,1	394,8	406,8	419,0	431,5
Riżorsi proprji għall-finanzjament tal-bażit (għajr l-NGEU)	b	178,8	188,2	243,0	273,8	270,2	265,9	250,5	247,8	240,4
Marġni ta' manuvra taħt il-limitu massimu permanenti	a+b	90,8	90,5	116,7	97,7	112,9	128,9	156,3	171,2	191,2
Testijiet tal-istress										
1) Test tal-istress fuq l-ekonomija										
Limitu massimu tar-riżorsi proprji	a	267,0	273,3	349,4	357,3	364,9	372,5	380,0	387,6	395,3
Riżorsi proprji għall-finanzjament tal-bażit (għajr l-NGEU)	b	178,8	188,2	243,0	273,8	270,2	265,9	250,5	247,8	240,4
Marġni ta' manuvra	a+b	88,2	85,1	106,4	83,6	94,7	106,5	129,5	139,8	154,9
2) Test tal-istress fuq in-nefqa u d-dħul										
Limitu massimu tar-riżorsi proprji	a	269,6	278,7	359,7	371,5	383,1	394,8	406,8	419,0	431,5
Riżorsi proprji għall-finanzjament tal-bażit (għajr l-NGEU)	b	178,8	188,2	243,0	273,8	270,2	265,9	250,5	247,8	240,4
Riżorsi proprji addizzjonali (sal-limitu massimu tal-QFP u massimu tal-istrumenti speċjali) (*)	c	20,8	7,1	16,6	17,1	17,0	16,9	16,6	16,6	16,7
Riżorsi proprji straordinarji biex ikopru obbligazzjonijiet kontinġenti mhux tal-NGEU (**)	d	17,2	7,1	16,4	11,8	12,2	11,1	6,4	5,2	7,8
Marġni ta' manuvra	a-b-c-d	52,8	76,2	83,8	68,8	83,7	100,9	133,3	149,4	166,6
3) Xokk negattiv ikkombinat										
Limitu massimu tar-riżorsi proprji	a	267,0	273,3	349,4	357,3	364,9	372,5	380,0	387,6	395,3
Riżorsi proprji għall-finanzjament tal-bażit (għajr l-NGEU)	b	178,8	188,2	243,0	273,8	270,2	265,9	250,5	247,8	240,4
Riżorsi proprji addizzjonali (sal-limitu massimu tal-QFP, u l-massimu tal-istrumenti speċjali)	c	20,8	7,1	16,6	17,1	17,0	16,9	16,6	16,6	16,7

Riżorsi proprji straordinarji biex ikopru obbligazzjonijiet kontinġenti mhux tal-NGEU	d	17,2	7,1	16,4	11,8	12,2	11,1	6,4	5,2	7,8
Marġni ta' manuvra	a-b-c-d	50,2	70,9	73,5	54,7	65,5	78,5	106,5	118,0	130,4

(*) In-nefqa hija proġettata għall-massimu teoretiku għal: 1) il-limitu massimu tal-pagamenti tal-QFP 2026-2027 kif stabbilit fl-aktar aġġustament tekniku reċenti u aġġustamenti futuri sal-massimu potenzjali tagħhom fi kwalunkwe sena waħda; u 2) il-limiti massimi annwali tal-istrumenti speċjali tematiċi (l-Istrument ta' Flessibbiltà, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, ir-Riżerva ta' Solidarjetà u Għajnuna ta' Emerġenza, u r-Riżerva għall-Ukrajna). Mill-2028, dan jinkludi mobilizzazzjoni sħiħa tal-Istrument ta' Flessibbiltà u tar-Riżerva għall-Ukrajna fil-forma ta' għotjiet.
(**) Dan jinkludi t-teħid self għal appoġġ ta' self permezz tal-EFSM, SURE, l-AMF+, u l-Faċilità għall-Ukrajna. Il-valutazzjoni tal-Istrument SURE tqis il-kontrogaranzija speċifika pprovduta mill-Istati Membri kollha għal 25 % tal-ammont massimu ta' assistenza finanzjarja.

Is-sostenibbiltà u l-marġni ta' manuvra fir-rigward tal-limitu massimu temporanju tal-NGEU

(EUR biljun, prezzijiet kurrenti)

		2026	2027	2028	2029	2030	2031	2032	2033	2034
Linja Bażi										
Limitu massimu tar-riżorsi proprji (0,6 % tal-ING)	a	115,6	119,4	123,3	127,4	131,3	135,4	139,5	143,7	147,9
Riżorsi proprji għall-finanzjament tal-NGEU(*)	b	8,0	5,0	24,0	24,0	24,0	24,0	24,0	24,0	24,0
Marġni ta' manuvra	a+b	107,5	114,4	99,3	103,4	107,3	111,4	115,5	119,7	123,9
Testijiet tal-istress										
1) Test tal-istress fuq l-ekonomija										
Limitu massimu tar-riżorsi proprji (0,6 % tal-ING)	a	114,4	117,1	119,8	122,5	125,1	127,7	130,3	132,9	135,5
Riżorsi proprji għall-finanzjament tal-NGEU	b	8,0	5,0	24,0	24,0	24,0	24,0	24,0	24,0	24,0
Marġni ta' manuvra	a+b	106,4	112,2	95,8	98,5	101,1	103,7	106,3	108,9	111,5
2) Test tal-istress fuq in-nefqa u d-dħul										
Limitu massimu tar-riżorsi proprji (0,6 % tal-ING)	a	115,6	119,4	123,3	127,4	131,3	135,4	139,5	143,7	147,9
Riżorsi proprji għall-finanzjament tal-NGEU	b	8,0	5,0	24,0	24,0	24,0	24,0	24,0	24,0	24,0
Riżorsi proprji straordinarji addizzjonali għall-NGEU (eċċess tal-kost, obbligazzjonijiet kontinġenti)	c	35,0	41,0	41,5	52,0	25,7	59,5	38,4	39,1	54,4
Marġni ta' manuvra	a-b-c	72,5	73,5	57,8	51,3	81,6	51,9	77,0	80,5	69,5
3) Xokk negattiv ikkombinat										
Limitu massimu tar-riżorsi proprji (0,6 % tal-ING)	a	114,4	117,1	119,8	122,5	125,1	127,7	130,3	132,9	135,5

Riżorsi proprji għall-finanzjament tal-NGEU	b	8,0	5,0	24,0	24,0	24,0	24,0	24,0	24,0	24,0
Riżorsi proprji straordinarji addizzjonali għall-NGEU (eċċess tal-kost, obbligazzjonijiet kontinġenti)	c	35,0	41,0	41,5	52,0	25,7	59,5	38,4	39,1	54,4
Marġni ta' manuvra	a-b-c	71,4	71,2	54,3	46,5	75,4	44,2	67,9	69,8	57,1

(*) Għall-2026, l-ammont jirrifletti l-approprjazzjonijiet ta' impenn fl-abbozz tal-baġit tal-2026. Għall-2027, l-ammont jikkorrispondi għall-ipprogrammar finanzjarju tal-linja baġitarja tal-EURI. L-ammonti għall-2028 u għall-2029 huma bbażati fuq il-proposta tal-Kummissjoni dwar il-QFP li jmiss kif inkluża fir-rapport fit-tul dwar il-flussi ta' dħul u ta' ħruġ tal-baġit (COM(2024) 573 final).